ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 265

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

11 ta' Ottubru 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2007 tad-9 ta' Ottubru 2007 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet talperoxosulphates (persulphates) li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan** ........ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1185/2007 ta' l-10 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 20

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1186/2007 ta' l-10 ta' Ottubru 2007 li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi taxxa fis-settur tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib fir-rigward tad-distinzjoni bejn bejgħ dirett u konsenji għar-Rumanija u l-Bulgarija** ........ 22

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2007 ta' l-10 ta' Ottubru 2007 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn l-1 u l-5 ta' Ottubru 2007 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali ........ 23



L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1184/2007

**tad-9 ta' Ottubru 2007**

**li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-peroxosulphates (persulphates) li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

### A. MIŻURI PROVIŻORJI

(1) Il-Kummissjoni, bir-Regolament (KE) Nru 390/2007 ([2]) ("ir-Regolament Proviżorju") imponiet dazju proviżorju anti-dumping fuq importazzjonijiet tal-peroxosulphates (persulphates), bħalissa klassifikabbli fi ħdan il-kodiċijiet NM 2833 40 00 u ex 2842 90 80 li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika ("l-Istati Uniti ta' l-Amerika"), ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (RPĊ) u t-Tajwan.

(2) Kif stabbilit fil-premessa (12) tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni tad-dumping u l-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). Fir-rigward tat-tendenzi rilevanti għall-istima tal-ħsara, il-Kummissjoni analizzat it-tagħrif li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sa tmiem il-perjodu ta' l-investigazzjoni ("perjodu kkunsidrat").

([1]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).
([2]) ĠU L 97, 12.4.2007, p. 6.

### B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(3) Wara l-impożizzjoni ta' dazju proviżorju kontra d-dumping fuq l-importazzjoni tal-persulphates li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, ir-RPĊ u t-Tajwan, xi partijiet interessati taw kummenti bil-miktub. Il-partijiet li għamlu din it-talba ngħataw ukoll l-opportunità li jinstemgħu. Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika t-tagħrif kollu li qieset bħala meħtieġ għas-sejbiet definittivi tagħha.

(4) Il-partijiet kollha kienu infurmati bil-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tkun rakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju definittiv anti-dumping fuq importazzjonijiet tal-persulphates li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, ir-RPĊ u t-Tajwan u l-ġbir definittiv ta' ammonti miġbura bħala dazju proviżorju. Huma ngħataw ukoll perjodu biex iressqu rappreżentazzjonijiet wara dan it-tagħrif.

(5) Il-Kummissjoni intensifikat l-investigazzjoni fir-rigward ta' l-aspetti ta' l-interessi tal-Komunità u wettqet analiżi tat-tagħrif mit-tweġibiet tal-kwestjonarju provduti mill-utent fil-Komunità wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji kontra d-dumping.

(6) Vista ta' verifika waħda addizzjonali twettqet fuq il-postijiet tal-kumpanija li ġejja:

— Antec International Ltd., Sudbury, UK – utent fil-Komunità.

(7) Il-kummenti orali u miktuba sottomessi min-naħa tal-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u, fejn dan kien f'loku, il-konklużjonijiet ġew immodifikati skond dan.

## Ċ. PRODOTT KONĊERNAT U PRODOTT LI JIXXIEBAĦ

### 1. Prodott ikkonċernat

(8) Qed jiġi mfakkar li kif imsemmi fil-premessa (14) tar-Regolament proviżorju, il-prodott konċernat jikkonsisti fl-erba' tipi ewlenin ta' prodott: ammonium persulphate $(NH_4)_2S_2O_8$ (APS), sodium persulphate ($Na_2S_2O_8$) (SPS/NPS), potassium persulphate ($K_2S_2O_8$) (PPS/KPS) u potassium monopersulphate ($2KHSO_5$ * $KHSO_4$ * $K_2SO_4$) (KMPS).

(9) Esportatur produttur wieħed fl-Istati Uniti ta' l-Amerika tenna l-istqarrija tiegħu biex il-KMPS jiġi eskluż mill-iskop ta' l-investigazzjoni fuq ir-raġunijiet li l-KMPS kellu karatteristiċi kimiċi differenti u kien użat f'applikazzjonijiet differenti mit-tliet tipi l-oħra tal-prodott. Dan il-produttur esportatur qal li t-tipi ta' prodotti setgħu jiġu skambjati biss f'ċertu applikazzjonijiet limitati. Għalhekk kien biss kwantità żgħira mill-esportazzjonijiet tal-KMPS lill-Komunità li kien qed jiġi użat fl-applikazzjonijiet tipiċi tal-bqija tat-tliet prodotti. Biex jappoġġa l-istqarrija, il-produttur esportatur qal li l-KMPS inbigħ b'mod kostanti f'livelli ta' prezzijiet ogħla li juri li kien jinbigħ lil tipi differenti ta' klijenti għal applikazzjonijiet differenti mit-tliet tipi ta' prodott l-oħra.

(10) L-istess prodottur esportatur irrefera wkoll għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2961/95 ([1]) li impona dazju definittiv anti-dumping fuq importazzjonijiet tal-peroxodisulphates li joriġinaw fir-RPĊ. Minħabba li l-istess prodott konċernat b'dik l-investigazzjoni ma inkludiex il-KMPS, intqal li s-sejbiet proviżorji fl-investigazzjoni kurrenti kkuntradixxew is-sejbiet ta' l-investigazzjoni ta' qabel. B'mod partikolari, il-kriterji elenkati fil-premessa (7) tar-Regolament (KE) Nru 2961/95 sabiex jiġi determinat il-prodott konċernat ma jkunux japplikaw għall-KMPS, li juri li huwa prodott differenti. Dan il-produttur esportatur irrefera wkoll għall-investigazzjoni anti-dumping imwettqa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti li tkopri l-persulphates imma mhux il-KMPS ([2]).

(11) Sussegwentement għall-iskopertura proviżorja l-istess esportatur qal ukoll li l-KMPS huwa trattat b'mod differenti minn tipi oħra għal raġunijiet ta' transport kif ukoll fid-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar rigward it-tqegħid tal-prodotti bijoċidali fis-suq ([3]) ("id-direttiva tal-Bijoċidi"). Dan it-trattament differenti jindika li huma prodotti differenti.

(12) Finalment, il-produttur esportatur t'hawn fuq argumenta li l-uniku kriterju komuni tal-KMPS u t-tliet tipi l-oħra ta' prodotti huwa li huma "ossidanti qawwija" li hija definizzjoni vaga li tapplika għal ħafna kimiċi oħra bħall-hydrogen peroxide u s-sodium hypochlorite li wkoll kienu użati bħala aġenti ossidanti. Għalhekk, il-KMPS għandu jew jiġi eskluż mill-iskop preżenti tal-prodott jew aġenti ossidanti oħra għandhom jiġu inklużi.

(13) F'dak li għandu x'jaqsam mad-differenzi allegati fil-karatteristiċi kimiċi, il-produttur esportatur imsemmi hawn fuq ma ġab ebda informazzjoni ġdida jew evidenza imma rrepeta l-argumenti li għamel qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji. Qed jiġi ssottolineat li l-premessa (17) tar-Regolament proviżorju tagħraf li kull tip, inkluż il-KMPS, għandu formuli kimiċi differenti. Madankollu, instab ukoll li minkejja dawn id-differenzi t-tipi kollha għandhom struttura komuni ($SO_3$-$O_2$) u kwalitajiet fiżiċi u kimiċi simili jew kumparabbli. Għalhekk, it-tipi kollha għandhom, per eżempju, apparenza kumparabbli (bajd, melħ kristallizzat), densità simili u kontenut kumparabbli ta' ossiġnu attiv. It-tipi kollha kienu definiti bħala axoacids tas-sulphur fl-istat ta' ossidazzjoni n° VI li tkejjel il-grad ta' ossidazzjoni ta' atomu f'sostanza. Ġie għalhekk konkluż li t-tipi kollha tal-prodott kellhom karatteristiċi kimiċi simili. Ebda parti mill-informazzjoni mressqa mill-produttur esportatur ma kienet biżżejjed biex tibdel dawn is-sejbiet.

(14) Il-karatteristiċi t'hawn fuq instabu li huma uniċi għall-persulphates li jagħżluhom minn prodotti oħra. B'mod partikolari l-investigazzjoni wriet li l-hydrogen peroxide huwa likwidu bla kulur b'formula kimika differenti minn dik tal-persulphates ($H_2O_2$). Din ma fihiex sulphur u l-kontenut ta' l-ossidant attiv huwa madwar 10 darbiet ogħla minn dak tal-prodott konċernat. Il-hydrogen peroxide, aktar minn hekk huwa użat f'applikazzjoni differenti mill-persulphates. Bl-istess mod, is-sodium hypochlorite għandu struttura kimika differenti mill-prodott konċernat ($NA^+OCl^-$) u ma fih ebda ossiġnu jew bond ta' l-ossiġnu jew sulphur. $NA^+OCl^-$ huwa compost solidu, imma ġeneralment disponibbli kummerċjalment bħala taħlita akwatika. Minħabba li m'għandux kontenut ta' ossiġni attiv huwa użat fil-chlorine għall-bleaching. Ġie għalhekk konkluż li l-prodotti msemmija qabel kellhom kwalitajiet u applikazzjonijiet differenti u ma kinux kumparabbli mal-persulphates. L-argument li d-definizzjoni tal-prodott kienet vaga wisq ġiet għalhekk rifjutata.

(15) Rigward l-istqarrija li l-KMPS kellu utenti aħħarija differenti mit-tliet tipi l-oħra tal-prodott, l-argumenti mressqa kienu bażikament ripetizzjoni ta' dawk ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji. Il-produttur esportatur qal b'mod partikolari li l-KMPS ikun użat l-aktar fit-tindif u diżinfettar tas-swimming pools filwaq li l-persulphates l-oħra allegatament ma setgħux jintużaw minħabba li jirritaw il-ġilda. Madankollu instab li mhux biss il-KMPS imma anke tipi oħra ta' persulphates kienu permessi mill-istandard relevanti Ewropew sabiex jintużaw fit-trattament ta' l-ilma intenzjonat għall-konsum uman ([4]). Instab

([1]) ĠU L 308, 21.12.1995, p. 61.
([2]) Il-Kummissjoni Internazzjoni tal-Kummerċ ta' l-Istati Uniti, Persulfates miċ-Ċina, Investigazzjoni Nru 731-TA-479 (Reviżjoni); Determinazzjoni u opinjoni tal-Kummissjoni (USITC Pubblikazzjoni Nru 3555, Ottubru 2002).
([3]) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
([4]) EN 12678 u 12926.

ukoll li indipendentement jekk kinux irritanti tal-ġilda jew le, tipi oħra ta' persulphates kienu użati għal applikazzjonijiet ta' tindif u diżinfettar. Dan l-argument għalhekk kellu jiġi rrifjutat.

(16) Il-produttur esportatur t'hawn fuq qal ukoll li l-KMPS ma jistax jiġi użat fil-proċessi ta' polimerizzazzjoni li huma l-qasam ewlieni ta' applikazzjoni tat-tipi ta' persulphates l-oħra. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-KMPS seta' jiġi użat fil-proċessi ta' polimerizzazzjoni u konsegwentement dan l-argument kellu jiġi rifjutat. Finalment, kif imsemmi fil-premessa (17) tar-Regolament proviżorju, minkejja utenti aħħarija parzjalment distinti hemm ukoll numru komuni ta' applikazzjonijiet bħal trattament għall-metall (micro-etching u pickling) u repulping ta' strength paper imxarrbin. Ġie għalhekk konkluż li t-tipi kollha tal-prodott kellhom prinċipalment applikazzjonijiet komuni mingħajr linji ċari ta' diviżjoni.

(17) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (9), il-produttur esportatur konċernat argumenta li, fil-waqt li kien hemm ċertu oqsma komuni fl-applikazzjonijiet, dan ma kienx jikkonċerna parti sostanzjali mill-bejgħ ta' l-esportazzjonijiet u għalhekk kellu jkun kunsidrat insinjifikanti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li l-konsum preċiż ta' kull tip ta' prodott fl-applikazzjonijiet speċifika ma setax jiġi determinat fil-PI, minħabba l-kooperazzjoni baxxa ta' l-utenti konċernati u n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' tagħrif adatt għal determinazzjoni simili. Il-produttur esportatur konċernat ma ssottomettiex evidenza konklużiva f'dan ir-rigward, imma biss estimi mhux appoġġjati. Aktar minn hekk, żewġ utenti biss ikkooperaw fl-investigazzjoni preżenti li kienu jirrappreżentaw biss parti żgħira tal-konsum totali (7 %). F'kwalunkwe każ, kien ikkunsidrat irrelevanti sa liema punt preċiż tip ta' prodott speċifiku kien użat f'applikazzjoni speċifika matul perjodu speċifiku ta' żmien. Fil-fatt, jekk ċertu tip ta' prodott jistax jiġi użat f'applikazzjoni speċifika jrid jiġi determinat fuq il-bażi tal-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi. L-utenti jistgħu jużaw ċertu tip ta' prodott għal ċertu żmien imma għandhom ikunu jistgħu wkoll jaqilbu b'mod faċli minn tip ta' prodott għall-ieħor u għall-istess applikazzjoni. Dan l-argument għalhekk kellu jiġi rrifjutat.

(18) Fir-rigward tal-livelli differenti tal-prezzijiet tat-tipi differenti tal-prodott, huwa diġà stabbilit fil-premessa (17) tar-Regolament proviżorju li huwa kkunsidrat li d-differenzi fil-prezzijiet bejn it-tipi ta' prodotti *per se* ma jiġġustifikawx il-konklużjoni li ċertu tip ta' prodott għandu jiġi meqjus bħala prodott differenti. Filwaqt li huwa minnu li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-KMPS huma ogħla minn dawk ta' tipi oħra ta' persulphates, hemm ukoll differenzi fil-prezzijiet bejn it-tliet tipi tal-prodott li jifdal. Għandu jiġi nnutat li dawn id-differenzi jistgħu jidhru fil-pajjiżi kollha li jipproduċu inkluż il-Komunità. Il-livelli differenti tal-prezzijiet huwa prinċipalment spejati bin-numru limitat tal-KMPS madwar id-dinja (fil-Komunità, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u, sa ċertu punt, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina) u m'humiex neċessarjament riflessi fl-ispiża tal-produzzjoni. Konsegwentement u minħabba li s-sejbiet t'hawn ma jurux linji ċari li jiddistingwu bejn l-applikazzjonijiet differenti tat-tipi tal-prodott, dan l-argument kellu wkoll jiġi rifjutat.

(19) F'dak li għandu x'jaqsam mat-trattament differenti tal-KMPS u t-tliet tipi l-oħra tal-prodott fir-rigward ta' l-ippakkjar għat-trasport u taħt id-Direttiva tal-Bijoċidi, għandu jiġi nnutat li dawn l-argumenti l-ġodda ġew provduti wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji u għalhekk barra mil-limitu ta' żmien stabbilit. F'kwalunkwe każ, l-investigazzjoni wriet li l-istandards ta' l-ippakkjar għat-tipi kollha kienu bażikament l-istess madankollu taħt klassifikazzjonijiet differenti. Ġie kkunsidrat ukoll li l-istandards ta' l-ippakkjar kien tali li ma kienx hemm kriterji deċiżivi biex jiġi determinat jekk it-tipi differenti tal-prodott kinux prodott uniku wieħed. Kif deskritt hawn fuq, il-kriterji ewlenin biex jiġi definit il-prodott konċernat f'investigazzjoni kontra d-dumping huma l-karattarestiċi kimiċi, tekniċi u fiżiċi u l-utenti aħħarija.

(20) F'dak li għandu x'jaqsam mad-direttiva tal-Bijoċidi, qed jiġi nnutat li t-trattament differenti qiegħed fil-fatt li l-industrija tal-Komunità bdiet il-proċeduri ta' reġistrazzjoni meħtieġa taħt din id-direttiva għall-KMPS imma mhux għat-tliet tipi l-oħra tal-prodott. Il-proċeduri ta' reġistrazzjoni ma nbdewx għal dawn it-tipi l-oħra minħabba kunsiderazzjonijiet mhux relatati mal-karatteristiċi kimiċi u utenti aħħarija, kif qal il-produttur esportatur konċernat. Għalhekk, filwaqt li għat-tip ta' prodott tal-KMPS l-ispejjeż tar-reġistrazzjoni kienu maqsuma bejn iż-żewġ produtturi ewlenin għal dan it-tip ta' prodott (wieħed fil-Komunità u l-ieħor fl-Istati Uniti ta' l-Amerika), il-proċeduri ta' reġistrazzjoni kienu meqjusa għaljin u jieħdu ħafna ħin u jkun ferm aktar effiċjenti fir-rigward ta' l-ispejjeż u l-ħin li jiġu indirizzati fil-kuntest usa' tar-Regolament Ewropew dwar il-Kimiċi l-ġdid (REACH) li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007 ([1]). It-trattament differenti taħt id-Direttiva tal-Bijoċidi għalhekk ma jistax jiġi kkunsidrat bħala indikazzjoni li t-tipi ta' prodotti kienu differenti fuq il-bażi tal-kwalitajiet kimiċi tagħhom u/jew l-applikazzjonijiet. Kien għalhekk ikkunsidrat irrelevanti fid-definizzjoni tal-prodott konċernat u l-argument tal-produttur esportatur f'dan ir-rigward ġie rifjutat.

---

([1]) Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1), korrett bil-ĠU L 136, 29.5.2007, p. 3.
Direttiva 2006/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettar ta' sustanzi perikolużi sabiex tadattaha għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 850), korrett bil-ĠU L 136, 29.5.2007, p. 281.

(21) F'dak li għandu x'jaqsam mas-sejbiet fir-rigward tal-prodott konċernat fl-investigazzjonijiet imsemmija hawn fuq fil-premessa (10), għandu jiġi nnutat li l-KMPS ma kien fl-ebda wieħed minn dawn l-investigazzjonijiet esklużi espressivament, i.e. m'hemmx sejbiet li jkunu stabbilew li l-KMPS u t-tliet tipi ta' prodotti l-oħra kellhom karatteristiċi kimiċi u utenti finali differenti u għalhekk m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala prodott uniku. Il-KMPS ma kienx inkluż fl-ilmenti t'hawn fuq (jew petizzjonijiet kif applikabbli) minħabba li jew ma kienx esportat matul il-PI ta' dik l-investigazzjoni (Komunità) jew l-industrija domestika li ilmentat (l-Istati Uniti ta' l-Amerika) ma produċietx il-KMPS f'dak iż-żmien.

(22) Qed jiġi nnutat b'mod partikolari li l-kriterji elenkati fil-premessa (7) tar-Regolament (KE) Nru 2961/95 (li jimponi miżuri definittivi fuq importazzjonijiet tal-pero-xodisulphates mill-RPĊ) ma kellux l-għan li jagħżel bejn il-KMPS fuq naħa u –tliet tipi ta' prodotti l-oħra fuq in-naħa l-oħra imma li jiddefinixxi l-karatterstiċi ewlenin komuni tat-tliet tipi li ffurmaw il-prodott konċernat f'dik l-investigazzjoni. Dawn huma għalhekk imfassla għat-tliet tipi ta' prodotti konċernati u m'humiex eżawrjenti. Is-sejbiet ewlenin, madankollu, japplikaw ukoll għall-KMPS, i.e. li l-karatteristiċi essenzjali (persulphate anion) u użi finali (inizjatur u aġent ossidanti) huma l-istess, li jistgħu jiġu skambjati sa ċertu punt u li d-differenzi fil-prezzijiet huma kkunsidrati irrelevanti. Fir-rigward ta' l-aħħar kriterju, l-importanza fil-proċess ta' produzzjoni ta' l-industrija, il-produttur esportatur argumenta li l-KMPS ikkostitwixxa perċentwali ogħla ta' spejjeż ta' produzzjoni għall-utenti tiegħu. Rigward dan, ġie stabbilit matul l-investigazzjoni (premessi (112) sa (120) hawn taht) li għalkemm il-KMPS ikkostitwixxa proporzjon ogħla ta' l-ispejjeż, l-impatt fuq il-profitabbiltà ta' l-utenti huwa insinifikanti. F'kawlunkwe każ, kien ikkunsidrat li dan m'għandux iwaqqaf lill-Istituzzjonijiet tal-Komunità mill-jikkunsidraw il-KMPS bħala l-prodott konċernat minħabba s-sejba t'hawn fuq li t-tipi kollha tal-prodott setgħu jiġu skambjati.

(23) Qed jiġi finalment innutat li ebda wieħed mill-partijiet interessati l-oħra, b'mod partikolari ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-KMPS, ma sfida d-definizzjoni tal-prodott fil-proċediment preżenti jew ma oġġezzjonaw għall-inklużjoni fl-iskop tal-prodott ta' l-investigazzjoni preżenti.

(24) Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, il-konklużjonijiet proviżorji stabbiliti fil-premessa (17) tar-Regolament proviżorju li l-erba' tipi kollha għandhom jiġu kkunsidrati li jikkostitwixxu prodott wieħed għall-iskop ta' dan il-proċediment huma hawnhekk ikkonfermati.

## 2. **Prodott Simili**

(25) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward il-prodott simili, il-premessi (18) u (19) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## D. **DUMPING**

(26) Minħabba li m'hemm l-ebda kumment ieħor fir-rigward tal-metodoloġija ġenerali, il-premessi (20) sa (39) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 1. **L-Istati Uniti ta' l-Amerika**

(27) Wara l-iżvelar proviżorju, produttur esportatur wieħed argumenra li t-tnaqqis li sar skond l-Artikolu 2(10)(i) kif deskritt fil-premessa (47) tar-Regolament proviżorju wassal għal kalkolar doppju tal-profitt li sar min-negozjant relatat fl-Iżvizzera. Madankollu l-produttur esportatur naqas milli jissostanza l-argument tiegħu u wara verifika wabda kalkolar doppju ma nstab.

(28) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward id-determinazzjoni tad-dumping fir-rigward ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-premessi (40) sa (50) tar-Regolament proviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

### 2. **Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

(29) Żewġ produtturi esportaturi li ġew miċħuda t-trattament ta' l-ekonomija tas-suq (MET) ma qablux mal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Madankollu ma ressqu ebda argument ġdid u għalhekk il-konklużjonijiet li saru fir-rigward ta' l-MET għal dawk iż-żewġ produtturi esportaturi fir-Regolament proviżorju, b'riżultat ta' dan, ma nbidlux.

(30) Wieħed minn dawk iż-żewġ produtturi esportaturi allega li, jekk id-deċiżjoni li jiġi rijfutat l-argument dwar l-MET tinżamm, għandu jingħata xorta trattament individwali (IT). Madnakollu, il-produttur esportatur ma kienx kapaċi juri li d-deċiżjonijiet tiegħu tan-negozju ġew meħuda bħala ripons għas-sinjali tas-suq, mingħajf interferenza sinifikanti mill-Istat, kif spjegat fil-premessa (56) tar-Regolament proviżorju. Għall-istess raġunijiet ma jistax jiġi eskluż, u l-produttur esportatur ma ġabx provi bil-kuntrarju, li l-interferenza ta' l-Istat kienet tippermetti l-evażjoni tal-miżuri kieku l-produttur esportatur ġie mogħti rata ta' dazju individwali. Intlaħqet għalhekk il-kunklużjoni li l-IT għandhu jiġi miċħud lil dak il-produttur esportatur, skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(31) Il-premessa (53) tar-Regolament proviżorju ddikjarat li għal wieħed mit-tliet produtturi esportaturi mogħtija l-MET, aktar eżaminazzjoni ta' l-informazzjoni li waslet tard li ma setgħetx tiġi investigata f'dak l-istadju kienet meħtieġa. L-informazzjoni li kienet waslet dak iż-żmien, kif ukoll aktar informazzjoni li waslet wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament proviżorju, ġiet eżaminata u żjara ta' verifika fil-post tal-produttur esportatur twettqet sabiex tiġi verifikata l-validità. Dan irriżulta, fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida li nġabet matul l-aħħar passi ta' l-investigazzjoni, f'bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni fattwali fuq il-bażi ta' l-evalwazzjoni tal-kriterji 1 u 2.

(32) Fir-rigward ta' kriterju 1, il-produttur esportatur instab li kien qabel ħeba informazzjoni esseznjali fir-rigward tal-maniġers u sidien kurrenti u r-rwol tagħhom fil-kumpanija qabel il-privatizzazzjoni. Din l-omissjoni voluntarja tħalli dubju fuq l-informazzjoni kollha sottomessa fir-rigward tal-privatizzazzjoni. Aktar minn hekk, il-kumpanija ma setgħetx tispjega b'mod konvinċenti fuq liema bażi ngħatat żewġ ammonti ta' self b'rata mnaqqsa ta'interessi minn bank ikkontrollat mill-Istat, li juri li kien hemm interferenza mill-Istat. Dan is-self ma kienx speċifikament investigat fil-bidu minħabba li ngħata wara t-tmiem tal-PI. Madankollu, dan b'mod ċar għandu impatt fuq is-sitwazzjoni preżenti tal-kumpanija, u kien kunsidrat xieraq, skond il-ġurisprudenza, li jittieħed kont ta' dan. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, li huma bbażati fuq informazzjoni li ma setgħetx tkun magħrufa b'mod raġonevoli mis-servizzi tal-Kummissjoni fiż-żmien tal-bidu ta' l-investigazzjoni fuq l-MET, l-interferenza fit-tmexxija tal-kumpanija ma tistax tiġi eskluża aktar, u l-kumpanija ma ġabetx provi bil-kuntrarju.

(33) Dwar il-kriterju 2, instab li l-ispejjeż finanzjarzi kienu sottovalutati fil-kontijiet tal-produttur esportatur, bi ksur tar-regoli ġenerali tal-kontabbiltà u aktar speċifikament ta' l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) Nru 23. Għandu jiġi nnutat li rapport mhux preċiż tas-self li għamlet il-kumpanija fil-formola għall-MET kien fixkel serjament l-eżaminazzjoni tal-bidu ta' dal-punt, u d-diskrepanza li nstabet għalhekk ma setgħetx tkun magħrufa b'mod raġonevoli mis-servizzi tal-Kummissjoni matul il-passi preċedenti tal-proċediment.

(34) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, ġie konkluż li din it-talba tal-produttur esportatur għall-MET għandha tiġi rifjutata. Il-produttur esportatur konċernat ġie infurmat u ġie mogħti opportunità li jikkummenta fuq dawn is-sejbiet. B'riżultat ta' dan, il-marġini tad-dumping għall-produtturi esportaturi kollha li ma ġewx mogħtija l-MET kellu jerġa' jiġi kalkulat, billi tiġi segwita l-istess metodoloġija bħal dik deskritta fil-premessi (96) tar-Regolament proviżorju.

(35) Finalment, produttur esportatur wieħed li ngħata l-MET issottometta żewġ talbiet fir-rigward tal-kalkolazzjoni tal-valur normali tiegħu u tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, li nstabu li ma kinux biżżejjed biex jiġġustifikaw aġġustament. Talba oħra mill-istess produttur esportatur rigward l-allokazzjoni ta' ċertu spejjeż ta' loġistika li kellu jħallas importatur relatat fuq id-dħul totali tal-kumpanija minflok fuq id-dħul tal-prodott konċernat, fuq ir-raġunijiet li kienu marbuta ma' ristrutturar ġenerali li seħħ fil-kumpanija matul il-PI, ġew kunsidrati sostanzjati biżżejjed u ġew aċċettati. F'kull eventwalità, il-marġini tad-dumping ta' dan il-produttur esportatur kellu jiġi kalkolat mill-ġdid wara korrezzjonijiet magħmula mill-importatur relatat fil-Komunità għal lista li turi kull tranżazzjoni provduta b'appoġġ għall-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid tal-presulphates fi ħdan il-Komunità.

(36) Minħabba dan t'hawn fuq, il-marġini tad-dumping, espressi bħala persentaġġ tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF fuq il-fruntiera Komunitarja, bid-dazju mhux imħallas, huma dawn li ġejjin:

| Kumpanija | Il-marġini ta' dumping definittiv |
|---|---|
| ABC Chemicals (Shanghai) Co., Ltd. | *de minimis* |
| Degussa-AJ (Shanghai) Initiators Co., Ltd. | 24,5 % |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 96,0 % |

(37) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward id-determinazzjoni tad-dumping fir-rigward tar-RPĊ, id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-premessi (51) sa (97) tar-Regolament proviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

### 3. It-Tajwan

(38) Wara l-iżvelar proviżorju, il-produttur esportatur li kkoopera tenna żewġ talbiet għal aġġustamenti tal-livell tal-kummerċ u kummissjonijiet, kif deskritt diġà fil-premessi (101) u (102) tar-Regolament proviżorju rispettivament. Madankollu, l-ispjegazzjonijiet provduti mill-produttur esportatur, li ma kinux sostanzjalment differenti mill-ispjegazzjonijiet li kienu waslu qabel fil-proċediment, instabu li ma kinux konvinċenti. Il-produttur esportatur naqas b'mod partikolari li jindirizza uħud mill-argumenti li jappoġġaw id-deċiżjoni li tiġi rifjuata t-talba tiegħu kif żvelata fir-Regolament proviżorju u parzjalment ikkontradixxa dikjarazzjonijiet preċedenti li saru waqt iż-żjarat ta' verifika fil-post tiegħu.

(39) Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra rigward id-determinazzjoni tad-dumping fir-rigward tat-Tajwan, il-premessi (98) sa (105) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## E. DANNU

### 1. Il-produzzjoni tal-Komunità u l-industrija tal-Komunità

(40) Produttur esportatur wieħed fl-Istati Uniti tenna li l-produttur tal-Komunità li jimporta l-prodott konċernat mill-kumpanija relatata tiegħu fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għandu jkun eskluż mid-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità. Intqal li l-fatt li prodott isir f'pajjiż terz konċernat bl-investigazzjoni kontra d-dumping fih innifsu huwa biżżejjed biex juri li l-produttur konċernat jiġi prodott mill-effetti ta' l-importazzjoni dumped. Il-produttur esportatur qal ukoll li l-produttur konċernat ġab ruħu differenti minn produttur tal-Komunità mhux relatat li jidher b'mod partikolari mill-investiment tiegħu fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

(41) Kien ikkunsidrat li l-fatt li produttur tal-Komunità qed jagħmel il-produzzjoni fiċ-Ċina *per se* mhux raġuni biżżejjed biex dan il-produttur jiġi eskluż mid-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità. Fil-fatt, l-ewwel għandu jiġi eżaminat jekk il-produttur tal-Komunità konċernat kienx protett mill-effetti ta' l-importazzjonijiet dumped. F'dan ir-rigward, kif imsemmi fil-premessa (106) u (151) tar-Regolament proviżorju, instab li l-kwantitajiet importati mill-kumpanija relatata fil-RPĊ kienu żgħar u saru biss biex jinżammu klijenti globali. Dawn l-importazzjonijiet ikkostitwew biss 7 % tal-bejgħ totali ta' dan il-produttur fis-suq tal-Komunità. Dan indika li l-produttur in kwestjoni kien impenjat għall-produzzjoni fil-komunità u l-importazzjonijiet kienu forma biex jiddefendi ruħu. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-investiment mill-produttur tal-Komunità fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, il-produttur esportatur li qed jilmenta ma spjegax kif dawn l-investimenti ipproteġew lill-produttur tal-Komunità mill-effetti ta' l-importazzjonijiet dumped, kif allegat. Għalhekk dawn l-argumenti kellhom jiġu rifjutati.

(42) L-istess produttur esportatur allega li wieħed mill-kriterji ewlenin biex wieħed jasal għall-konklużjoni li l-produttur tal-Komunità in kwistjoni ifforma parti mill-industrija tal-Komunità kien li l-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Komunità kienu f'livell ogħla mill-prezzijiet ta' importazzjonijiet mir-RPĊ. Il-produttur esportatur qal li l-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid kellhom jiġu kumparati mal-prezz medju ta' l-importazzjoni mill-pajjiżi kollha konċernati, minflok dawk biss mir-RPĊ.

(43) Madankollu l-livell tal-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid kien biss element wieħed addizzjonali li kien kunsidrat (ara wkoll premessa (106) tar-Regolament proviżorju). Il-prezz tal-bejgħ mill-ġdid indika li l-produttur tal-Komunità ma bigħx taħt il-livell tal-kompetituri Ċiniżi, li kien ikun ta' dannu għall-industrija tal-Komunità.

(44) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward il-produzzjoni u l-industrija tal-Komunità, il-premessa (106) tar-Regolament proviżorju hija b'dan ikkonfermata.

## 2. Il-konsum tal-Komunità

(45) Produttur esportatur wieħed fl-Istati Uniti ta' l-Amerika qal li l-bejgħ ta' l-esportazzjonijiet tiegħu lill-utent relatat fil-Komunità għandhom jiġu esklużi mid-determinazzjoni tal-konsum totali fil-Komunità fuq il-bażi li dan il-bejgħ ma sarx fis-"suq tan-negozju".

(46) Il-konsum huwa definit bħala t-total ta' l-importazzjonijiet kollha fil-Komunità mis-sorsi kollha u l-bejgħ kollu tal-prodott konċernat mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità. Il-fatt li l-importazzonijiet saru mill-kumpaniji relatati fil-Komunità huwa irrelevanti u ma jipprevenix li dan il-bejgħ jittieħed in konsiderazzjoni meta jiġi kkalkulat il-konsum totali tal-Komunità. L-argument tal-produttur esportatur f'dawn ir-rigward ġie għalhekk rifjutat.

(47) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward il-konsum tal-Komunità, il-premessi (107), (108) u (109) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## 3. Il-valutazzjoni kumulattiva ta' l-effetti ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati

(48) Żewġ esportatur fl-Istati Uniti qali li għall-iskop tal-valutazzjoni tad-dannu li sofriet l-industrija tal-Komunità, l-importazzjonijiet tal-persulphates li joriġinaw fl-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom jiġu dekumulati. Iż-żewġ produtturi esportaturi issottomettew li l-prezzijiet ta' l-importazzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika kienu f'livell ogħla u wrew xejriet differenti mill-prezzijiet ta' importazzjoni mir-RPĊ u mit-Tajwan. Dan juri li l-prodott esportat mill-Istati Uniti ta' l-Amerika inbigħ taħt kundizzjonijiet tas-suq differenti. Wieħed mill-produtturi esportaturi argumenta wkoll li l-bejgħ tiegħu li sar ma' utent relatat fil-Komunità għandu jkun ikkunsidrat separatament minħabba li jsir taħt kundizzjonijiet tas-suq differenti u juri xejriet differenti. Għalhekk, il-produttur esportatur allega li l-volum ta' importazzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika lill-klijenti mhux relatati ma żdiedx jew żdied b'mod insinjifikanti. Iż-żewġ produtturi esportaturi talbu li l-prezzijiet għal kull pajjiż konċernat għandhom jiġu ppubblikati.

(49) F'dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet, u kif imsemmi diġà fil-premessa (112) tar-Regolament proviżorju, instab li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni mir-RPĊ, it-Tajwan u l-Istati Uniti ta' l-Amerika urew xejriet simili (ta' tnaqqis) matul il-perjodu kkunsidrat u kien anqas mill-livell tal-prezzijiet tal-Komunità b'livell sinifikanti. Qed jiġi nnurtat li l-konklużjonijiet proviżorji huma bbażata fuq it-tagħrif verifikat fir-rapport attwali fornut mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. Dan it-tagħrif kien ikkunsigrat bħala l-aktar sors affidabbli mill-informazzjoni disponibbli. Il-prezz medju ta' importazzjoni fornut mill-produtturi esportaturi kellu għalhekk jiġi rifjutat.

(50) Il-prezzijiet medji ta' importazzjoni li ġejjin ġew determinati għal kull pajjiż konċernat. It-tabella t'hawn taħt turi li l-prezzijiet ta' l-importazzjoni mill-pajjiżi kollha konċernata kellha xejra simili ta' tnaqqis.

*Tabella 1*

**Prezzijiet medji ta' importazzjoni għal kull pajjiż konċernat**

| Prezzijiet ta' l-unità (EUR/tunnellata) | 2003 | 2004 | 2005 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Stati Uniti EUR/tun | 1 289 | 1 250 | 1 108 | 1 131 |
| Stati Uniti indiċi | 100 | 97 | 86 | 88 |
| Tajwan EUR/tun | 633 | 583 | 565 | 590 |
| Tajwan indiċi | 100 | 92 | 89 | 93 |
| RPĊ EUR/tun | 719 | 688 | 649 | 684 |
| RPĊ indiċi | 100 | 96 | 90 | 95 |
| Total tal-pajjiċi kkonċernati (EUR/tun) | 902 | 812 | 759 | 784 |
| Pajjiżi totali kkonċernati (indiċi) | 100 | 90 | 84 | 87 |

(51) F'dak li għandu x'jaqsam mal-volumi ta' importazzjoni, s-sejbiet tal-premessa (111) tar-Regolament proviżorju huma konfermati, i.e. il-volum ta' esportazzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika kien sinjifikanti fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku, u wera xejra ta' żieda. L-esportazzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika kienet ukoll dumped b'mod sinifikanti u wriet prezzijiet taħt il-livell tas-suq b'mod sostanzjali. It-tipi kollha tal-prodott kienu esportati mill-Istati Uniti ta' l-Amerika miż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw u nofs l-esportazzjonijiet tal-KMPS saru wkoll lil klijenti mhux relatati. Għalhekk ġie konkluż li l-prodott esportat mill-Istati Uniti ta' l-Amerika inbigħ permezz ta' l-istess kanali ta' bejgħ u l-istess tip ta' klijenti fil-Komunità bħall-prodott magħmul u mibjugħ mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità u l-prodott importat mill-pajjiżi l-oħra konċernati.

(52) Minkejja dan, anke kieku l-bejgħ tal-KMPS tal-produttur esportatur konċernat li saru lill-utent relatat fil-Komunità kellu jiġi eskluż mill-analiżi dan ma kienx jibdel l-istampa ġenerali. Is-sehem tas-suq mill-Istati Uniti ta' l-Amerika xorta jkun ogħla mil-limitu *de minimis* u xorta jkun qed juri rata ta' tnaqqis. Bl-istess mod, il-prezzijiet ta' importazzjonijet xorta juru xejra ta' tnaqqis.

(53) Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, l-argument taż-żewġ produtturi esportaturi biex jiddekumulaw l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti ta' l-Amerika meta jevalwaw id-dannu materjali li sofriet l-industrija tal-Komunità ma kienx validu u ġie rifjutat.

(54) Importatur wieħed qal li l-importazzjonijiet mill-fornitur tiegħu fit-Tajwan naqsu meta jiġi kkunsidrat perjodu itwal mill-perjodu kkunsidrat f'din l-investigazzjoni. Dan l-importatur, madankollu, ma ssottometta ebda figura biex jappoġġa l-istqarrija tiegħu, jew xi indikazzjoni tal-perjodu ta' żmien li kien qed jirreferi għalih. Aktar minn hekk, hija prattika stabbilita ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunità li jikkunsidraw perjodu li jinkludi l-perjodu ta' l-investigazzjoni flimkien mat-tliet jew l-erba' snin preċedenti fl-analiżi tax-xejriet, li huwa kkunsidrat perjodu raġonevoli biex jiġu evalwati x-xejriet u għalhekk x'hemm raġuni oġġettiva biex tinbidel din il-prattika. Qed jiġi nnutat ukoll li kif muri fil-premessa (114) tar-Regolament proviżorju (tabella 2), l-importazzjonijiet mit-Tajwan żdiedu bi kważi 20 % matul il-perjodu kkunsidrat li ssarraf f'żdieda żgħira tas-sehem tas-suq (ara l-premessa (115) tar-Regolament provviżorju) matul il-perjodu kkunsidrat. L-importatur ma ressaq ebda raġuni oħra 'l għala t-Tajwan għandu jiġi dekumulat mill-pajjiżi l-oħra konċernati, u l-investigazzjoni ma wriet ebda raġuni lanqas. L-istqarrija ta' l-importatur f'dan ir-rigward kellha għalhekk tiġi rifjutata.

(55) Minħabba li ma kien hemm ebda kumment ieħor f'dan il-qasam partikolari, is-sejbiet fil-premessi (110) sa (113) tar-Regolament proviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

### 4. Importazzjonijiet fil-Komunità mill-pajjiżi konċernati, sehem tas-suq u prezzijiet

(56) Minħabba s-sejbiet tal-premessi (31) sa (34), il-bejgħ ta' l-esportazzjoni tal-produttur esportatur Ċiniż li nstabu li huma dumped kellhom jiġu inklużi fl-analiżi tal-volum ta' importazzjoni, sehem tas-suq u prezzijiet mir-RPĊ u l-figuri fit-tabelli 2 sa 4 (premessi (114) sa (116) tar-Regolament proviżorju kellhom għalhekk jiġu adattati skond dan, kif ġej:

*Tabella 2*

**Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

| Importazzjonijiet (tunnellati) | 2003 | 2004 | 2005 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Ir-RPĊ | 4 275 | 7 294 | 7 316 | 8 708 |
| *L-Indiċi* | *100* | *171* | *171* | *204* |
| It-Tajwan | 2 080 | 2 760 | 2 700 | 2 480 |
| *L-Indiċi* | *100* | *133* | *130* | *119* |
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | 3 484 | 3 499 | 3 818 | 3 878 |
| *L-Indiċi* | *100* | *100* | *110* | *111* |
| Total pajjiżi kkonċernati | 9 839 | 13 552 | 13 834 | 15 065 |
| *L-Indiċi* | *100* | *138* | *141* | *153* |

(57) Importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati żdiedu b'53 % bejn l-2003 u l-PI. Fil-waqt li dawn l-importazzjonijiet ammontaw għal 9 839 tunnellati fl-2003 huma laħqu livell ta' 15 065 tunnellata matul il-PI. Iż-żieda fl-importazzjonijiet kienet osservata partikolarment bejn l-2003 u l-2004 minħabba li żiedu bi 38 %.

*Tabella 3*

**Sehem mis-suq tal-pajjiżi kkonċernati**

| Is-sehem mis-suq | 2003 | 2004 | 2005 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Ir-RPĊ | 11,0 % | 17,4 % | 18,0 % | 20,9 % |
| It-Tajwan | 5,3 % | 6,6 % | 6,6 % | 5,9 % |
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | 9,0 % | 8,3 % | 9,4 % | 9,3 % |
| Total pajjiżi kkonċernati | 25,3 % | 32,3 % | 33,9 % | 36,1 % |

(58) Is-sehem tas-suq li kellhom il-pajjiżi konċernati żdied bejn l-2003 u l-PI minn 25,3 % għal 36,1 % i.e. b'10,8 punti perċentwali. Iż-żieda kienet osservata partikolarment bejn l-2003 u l-2004 minħabba li kienet ta' 7 punti perċentwali.

*Tabella 4*

**Prezzijiet ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati**

| Prezzijiet ta' l-unità (EUR/tunnellata) | 2003 | 2004 | 2005 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Total pajjiżi kkonċernati | 902 | 812 | 759 | 784 |
| *L-Indiċi* | *100* | *90* | *84* | *87* |

(59) Mill-2003 sal-PI, il-prezzijiet ta' l-importazzjoni mill-pajjiżi konċernati naqsu bi 13 %. Għalhekk, huma naqsu minn EUR 902/tun fl-2003 għal EUR 784/tun fil-PI.

(60) Minħabba li ma kien hemm ebda kummenti oħra f'dan il-qasam partikolari, is-sejbiet u l-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (114) sa (119) tar-Regolament proviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

## 5. **Il-qagħda ta' l-industrija tal-Komunità**

(61) Iż-żewġ produtturi esportaturi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika argumentaw li l-industrija tal-Komunità kellhom marġini ta' profitti "raġonevoli" matul il-PI, u f'kull każ ma kienx hemm telf, u għalhekk ma jista' jiġi konkluż li sofriet dannu materjali matul il-PI. Produttur wieħed ta' l-Istati Uniti qal ukoll li l-marġini għolja ta' profitt li sar fl-2003 ikun indikazzjoni li l-industrija tal-Komunità ma sofrietx dannu materjali.

(62) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-impatt ta' l-importazzjonijiet dumped irid jinkludi valutazzjoni tal-fatturi u l-indiċijiet kollha rilevanti li għandhom rilevanza fuq l-istat ta' l-industrija Komunitarja. F'dan ir-rigward, ebda wieħed mill-fatturi f'iżolament ma' jista' jservi ta' gwida deċiżiva. L-analiżi tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità għalhekk mhix limitata biss għall-profitt ta' l-industrija tal-Komuntà, imma trid tinkludi l-fatturi kollha elenakti fl-Artikolu msemmi hawn fuq. Aktar minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (131) tar-Regolament proviżorju, il-profitabbiltà naqset sostanzjalment matul il-perjodu kkunsidrat, i.e. bi 80 % u b'riżultat ta' dan is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija tal-Komunità ddeterjorat b'mod drammatiku. F'dan il-kuntest, ġie kkunsidrat li kien irrelevanti jekk l-industrija tal-Komunità sofriet telf matul il-PI. Qed jiġi nnutat ukoll li l-marġini ta' profitt li l-industrija tal-Komunità setgħet tistenna li tikseb b'mod raġonevoli fl-assenza ta' l-importazzjonijiet dumped kien determinat fil-premessa (169) tar-Regolament proviżorju u konfermat aktar 'l isfel fil-premessa (154) għal 12 %, i.e. ogħla b'mod sinjifikanti mill-marġini ta' profitt li nkiseb matul il-PI.

(63) B'referenza għall-istqarrija li l-marġini ta' profitt għola mwettqa fl-2003 jkunu indikazzjoni li l-industrija tal-Komunità ma sofrietx dannu materjali, qed jiġi nnutat li anke jekk ma jiġux meqjusa l-marġini ta' profitt imwettqa dik is-sena, ix-xejra xorta tkun negattiva b'mod sinifikanti. Għallhekk, il-profitti bejn l-2004 u l-PI naqsu bi kważi 60 %. Dan għalhekk ma jibdilx il-konklużjonijiet ġenerali li l-industrija tal-Komunità sofriet dannu materjali matul il-PI.

(64) Produttur esportatur wieħed ta' l-Istati Uniti allega li l-profittabbiltà ta' l-industrija tal-Komunità setgħet naqset minħabba tneħħija ta' EUR 830 miljun ta' assi tanġibbli marbuta ma' l-akkwist ta' Laporte fl-2005. Madankollu għandu jiġi nnutat li x-xejra ta' tnaqqis tal-profittabbiltà kif stabbilit fir-Regolament proviżorju hija kostanti matul il-perjodu kkunsidrat u mhux marbuta ma' sena speċifika. B'żieda ma' dan, l-investigazzjoni wriet li l-ispiża għall-akkwist tal-Laporte sar minn kumpanija li għandha sehem tagħha, mhux minn Degussa Initiators Ltd. Dan il-fattur ma kellux impayy fuq ix-xejriet ta' profitabbiltà kif muri fir-Regolament proviżorju.

(65) Finalment, produttur esportatur wieħed ta' l-Istati Uniti qal li l-analiżi tad-dannu kien bażat fuq aspettativi żbaljati ta' l-industrija tal-Komunità biex tikseb marġini ta' profitt li huma 'l fuq mill-medja ta' din l-industrija. Fir-rigward ta' dan l-argument, għandu l-ewwel jiġi nnutat li, kif jidher b'mod ċar mill-premessi (120) sa (139) tar-Regolament proviżorju, l-analiżi tad-danni kien bażat fuq l-iżviluppi ta' l-indikaturi kollha tad-dannu matul il-perjodu kkunsidrat u għalhekk fuq is-sitwazzjoni propja ta' l-industrija tal-Komunità matul dak il-perjodu, li ta' stampa oġġettiva bażata fuq tagħrif propja verifikat. Fi kliem ieħor, l-aspettattivi tal-Komunità, fihom infushom ma servewx bħala bażi fl-analiżi tad-dannu u dan l-argument ġie għalhekk rifjutat.

(66) Utent wieħed allega li ma kienx hemm tnaqqis fil-prezz tas-suq tal-Komunità imma ma ssottometta ebda evidenza biex jappoġġa din l-osservazzjoni. Minħabba li l-informazzjoni sottomessa mill-produtturi esportaturi konċernati u l-industrija tal-Komunità b'mod ċar uriet ix-xejra ta' tnaqqis fil-prezzijiet medji tal-bejgħ matul il-perjodu kkunsidrat, din it-talba kellha tiġi rifjutata.

(67) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward il-qagħda ta' l-industrija tal-Komunità, il-premessi (120) sa (139) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

F. **KAWŻA**

1. **Effett ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti ta' dumping**

(68) Fin-nuqqas ta' xi kummenti dwar l-effetti ta' l-importazzjoni dumped, il-premessi (141) sa (143) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. **Effetti ta' fatturi oħra**

*Importazzjonijiet li joriġinaw f'pajjiżi terzi minbarra r-RPĊ, l-Istati Uniti u t-Tajwan*

(69) Iż-żewġ produtturi esportaturi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika allegaw li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra, u b'mod partikolari mit-Turkija, setgħu kkawżaw dannu lill-industrija tal-Komunità partikolarment fil-dawl tal-prezzijiet tagħhom li allegatament huma aktar baxxi mill-prezzijiet ta' l-US. B'mod partikolari, intqal li dawn l-importazzjonijiet saru fi kwantitajiet sinifikanti u bi prezzijiet dumped li kien ferm aktar baxxi mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità. Iż-żewġ produtturi esportaturi qali li l-importazzjonijiet mit-Turkija kkawżaw dannu lill-industrija tal-Komunità għall-anqas fl-istess grad ta' l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, jekk mhux aktar.

(70) L-ewwel net, għandu jiġi nnutat li t-Turkija mhux inkluża fl-ilment minħabba li dawk li ressqu l-ilment ma sabu ebda evidenza ta' dumping dannuż mit-Turkija. Fiż-żmien tal-bidu ta' dan il-proċediment, il-Kummissjoni ma kellhiex provi għad-dispożizzjoni tagħha li kkontradixxew id-dikjarazzjoni ta' dawk li ressqu l-ilment. It-tieni, il-fatt li l-prezzijiet ta' esportazzjoni Torok jistgħu jidhru aktar baxxi minn ta' l-Istati Uniti meta wieħed iħares lejn il-prezzijiet medji ta' l-istatistiċi tal-kummerċ tal-Eurostat jista' jkun dovut għar-riżultat ta' taħlitiet differenti tal-prodott esportati miż-żewġ pajjiżi. Fil-fatt, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, l-esportazzjonijiet ta' l-Istati Uniti jikkonsistu fil-parti l-kbira tagħhom fil-KMPS filwaqt illi, li fl-istadju tal-bidu u lanqas matul l-investigazzjoni, ma nstabu provi li l-esportazzjonijiet Torok lejn il-Komunità juru taħlita simili tal-prodott. Għalhekk ma setgħet tinkiseb l-ebda konklużjoni mid-differenzi fil-prezzijiet medji tal-Eurostat. Finalment, qed jiġi mfakkar li lanqas ma ġiet provduta ebda evidenza simili mill-produtturi esportaturi konċernati.

(71) Fl-analiżi tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, l-effetti ta' l-importazzjonijiet dumped mit-tliet pajjiżi esportaturi konċernati ġew evalwati b'mod kumulattiv għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (48) sa (54) hawn fuq. Fuq il-bażi ta' dan, ġie kkunsidrat mhux adatt li l-analiżi jiġi bbażat fir-rigward tal-kawża f'kull pajjiż konċernat separatament. Madankollu, anke jekk jiġu kkunsidrati l-importazzjonijiet ta' l-Istati Uniti separatament, ix-xejriet ta' importazzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u mit-Turkija huma differenti. Filwaqt li l-volumi ta' importazzjoni mit-Turkija naqsu sew matul il-perjodu kkunsidrat (i.e. bi 42 %), il-volum ta' importazzjoni u sehem mis-suq mill-Istati Uniti ta' l-Amerika żdied. Rigward il-prezzijiet ma nstabux provi ta' dumping mit-Turkija mill-produttur esportatur. Għalhekk, rigward it-tnaqqis tal-prezzijiet, fuq il-bażi tal-provi disponibbli, it-taħlita tal-prodott esportata mit-Turkija kienet differenti minn dik ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, partikolarment minħabba li fit-Turkija ma kienx hemm produzzjoni ta' KMPS. Meta jiġu kumparati prezzijiet medji mill-Istati Uniti ta' l-Amerika esklużi esportazzjonijiet tal-KMPS i l-prezzijiet medji ta' esportazzjoni mit-Turkija, instab li l-prezzijiet Torok kienu ogħla mill-prezzijiet ta' l-US.

(72) Fuq il-bażi ta' dawn ta' hawn fuq, il-konklużjonijiet stabbiliti fir-recitals (144) sa (148) tar-Regolament proviżorju kienu konfermati.

*L-importazzjonijiet ta' l-industrija tal-Komunità*

(73) Intqal diversi drabi minn għadd ta' partijiet interessati li l-importazzjonijiet ta' produttur wieħed tal-Komunità tal-prodott konċernat mill-kumpanija relatata fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina kienu dumped u naqqsu l-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità u kkawżaw dipressjoni fil-prezz fis-suq tal-Komunità. Kull dan jkun għalhekk konsegwenza ta' dawn l-importazzjonijiet.

(74) L-importazzjonijiet ta' l-industrija tal-Komunità mill-kumpanija relatata tagħha fir-RPĊ biss jirrappreżentaw parti żgħira mill-konsum tal-Komunità (anqas minn 4 %) u anqas minn 8 % tal-bejgħ tal-produttur tal-Komunità in kwestjoni u saru biss biex jinżammu l-klijenti globali li nkella kienu jixtru l-prodott konċernat mingħand fornituri Ċiniżi bi prezzijiet dumped. Ebda wieħed minn dawn il-partijiet interessati ma ssottometta evidenza jew spjega kif dawn il-kwantitajiet relattivament żgħar (b'paragun ma' l-importazzjonijiet dumped li saru mal-klijenti mhux relatati fil-Komunità) setgħu kienu fattur ewlieni għat-tnaqqis il-prezz fis-suq tal-Komunità u din it-talba kellha għalhekk tiġi rifjutata.

*L-investiment ta' l-industrija tal-Komunità fir-RPĊ*

(75) Wieħed mill-produtturi esportaturi ta' l-Istati Uniti qal li x-xejra ta' tnaqqis ta' l-attivitajiet ta' investiment ta' l-industrija tal-Komunità murija fit-tabella 8 tar-Regolament proviżorju kienet dovuta għal żieda fl-attività ta' investiment ta' wieħed mill-produtturi tal-Komunità fil-kumpanija relatata tiegħu fir-RPĊ u għalhekk mhux dovuta għall-importazzjonijiet dumped.

(76) Qed jiġi nnutat li l-kapaċità żejda ta' l-industrija tal-Komunità kienet għolja, i.e. kważi laħqet it-30 % matul il-PI. F'dawn iċ-ċirkostanzi u meta wieħed jikkunsidra li l-importazzjonijiet dumped żdiedu sew matul il-perjodu kkunsidrat u ħadu parti mis-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità, kien ikkunsidrat li ma kienx ikun raġonevoli li jsir investiment f'żieda ta' kapaċità tal-produzzjoni fis-suq tal-Komunità. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (129) tar-Regolament proviżorji, saru investimenti biex jinżammu il-kapaċitajiet eżistenti ta' produzzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, din kienet ikkunsidrat bħala deċiżjoni raġonevoli tan-negozju fl-isfond ta' l-importazzjonijiet dumped. Ġie għalhekk konkluż li t-tnaqqis fl-investimenti fis-suq tal-Komunità ma kienx marbut ma' l-attivitajiet ta' investiment ta' dan il-produttur fis-suq Ċiniż u għalhekk ma indikax li d-dannu sofrut sar minnu stess. Dan l-argument għalhekk kellu jiġi rrifjutat.

*Attivitajiet oħra ta' l-industrija tal-Komunità fir-RPĊ*

(77) Importatur mhux relatat qal li l-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-utilizzazzjoni naqsu minħabba r-relazzjoni ta' wieħed mill-produtturi tal-Komunità ma' wieħed mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ. Dan l-importatur qal li l-produttur Ċiniż relatat se jservi s-suq Ażjatiku tan-Nofsinhar bil-persulphate bi prezz baxx magħmul mill-kumpanija relatata fir-RPĊ u b'konsegwenza ta' dan il-produttur tal-Komunità naqqas sew l-esportazzjonijiet tiegħu f'dan il-qasam, li hija l-kawża tat-tnaqqis tal-volum ta' produzzjoni fil-Komunità.

(78) Għandu jiġi nnutat li x-xejriet fir-rigward tal-volum ta' produzzjoni, kapaċità u utilizzazzjoni tal-kapaċità kif muri fil-premessa (12) tar-Regolament proviżorju (tabella 5) huma relatati mal-volum ta' produzzjoni għall-prodotti mibjugħa fil-Komunità. L-allegat tnaqqis fl-esportazzjonijiet ta' produttur wieħed tal-Komunità għalhekk ma kellux impatt u l-argument ta' l-importatur kellu jiġi rifjutat.

*Effiċċjenza ta' l-industrija tal-Komunità*

(79) Wieħed mill-produtturi esportaturi ta' l-Istati Uniti qal li ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni bħala kawża possibbli tad-dannu sofrut mill-industrija tal-Komunità ma kinitx indirizzata fir-Regolament proviżorju.

(80) Dan kellu jiġi rrifjutat. Ir-raġuni għaż-żieda fl-industrija tal-Komunità ta' l-ispejjeż ta' l-unità huwa ssottolineat fil-premessa (125) tar-Regolament proviżorju. Għalhekk, hija r-riżultat ta' tnaqqis fil-volum ta' produzzjoni minħabba importazzjonijiet dumped fuq kapaċitajiet stabbli. B'riżultat ta' dan, l-ispejjeż ġew allokati għal volumi ta' produzzjoni aktar baxxi. Minħabba li m'hemmx rabta diretta ma' l-importazzjonijiet dumped, l-argument tal-produttur esportatur kellu jiġi rifjutat.

*Livelli ta' profittabbiltà ta' l-industrija tal-Komunità fl-2003*

(81) L-istess produttur esportatur ta' l-Istati Uniti qal ukoll li r-raġunijiet għal-livelli għolja fil-profittabbiltà fl-2003 kellhom jiġu analizzati aktar u meħuda in konsiderazzjoni fl-analiżi tal-kawża.

(82) Dan il-produttur esportatur naqas ukoll milli jipprovdi xi spjegazzjoni jew evidenza li turi kif il-livelli ta' profitt fl-2003 setgħu kisru ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet dumped u d-dannu sofrut mill-industrija tal-Komunità. Il-kwistjoni jekk il-marġini ta' profitt miksub fl-2003 jindikax li l-industrija tal-Komunità ma sofrietx dannu materjali matul il-Pi hija indirizzata hawn fuq fil-premessa (63).

*Spiża ta' l-għaqda ta' wieħed mill-produtturi tal-Komunità*

(83) Il-produttur esportatur l-ieħor tal-Komunità qal li ż-żieda fl-ispejjeż matul il-PI hija dovuta għall-akkwist ta' kumpanija minn wieħed mill-produtturi tal-Komunità u konsegwentement it-tneħħija ta' assi tanġibbli mill-kontijiet tagħhom.

(84) Madankollu ix-xejra ta' tnaqqis fil-profittabbiltà kif stabbilita fit-tabella 9 tal-premessa (130) tar-Regolament proviżorju hija kostanti u mhix marbuta ma' sena speċifika matul il-perjodu kkunsidrat. B'żieda ma' dan, l-investigazzjoni wriet li l-ispiża ta' l-akkwist ma saritx mill-produttur tal-Komunità imma mill-kumpanija azzjonista. Din il-pretensjoni għalhekk kellha tkun rifjutata.

*Aġir mhux kompetittiv mill-industrija tal-Komunità*

(85) Utent wieħed qal li l-produtturi Ċiniżi relatati ma' l-industrija tal-Komunità offrew il-prodott konċernat fis-suq tal-Komunità f'livelli li kienu ġeneralment ogħla mill-prezzijiet tas-suq, filwaqt li l-istess produtturi setgħu joffri l-prodott bi prezzijiet ferm aktar baxxi f'suq ieħor, u anke taħt il-livelli tal-prezzijiet tal-kompetituri tagħhom fi swieq terzi. Dan l-utent qal li l-produtturi konċernati imisshom kienu jafu li offerti ta' prezzijiet simili huma inaċċettabbli għal klijent potenzjali u allega li l-industrija

tal-Komunità permezz tar-rabtiet ma' dawn il-produtturi apposta ma bighetx il-prodott lil ċertu klijenti fil-Komunità. Għalhekk, it-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq fuq is-suq tal-Komunità kien dovut għal dan l-aġir mhux kompetittiv minflok għall-importazzjonijiet dumped.

(86) Instab li wieħed biss mill-produtturi msemmija kien qed jesporta l-prodott konċernat lill-Komunità matul il-PI. L-argumenti fir-rigward tal-produttur l-ieħor ġew għalhekk kunsidrati irrelevanti u rifjutati.

(87) Fir-rigward tal-produttur fir-RPĊ, huwa esporta l-prodott konċernat matul il-PI (ara l-premessa (74) hawn fuq). Madankollu nstab li d-deċiżjonijiet tan-negozju ttieħdu kompletament b'mod indipendenti mill-produttur tal-Komunuità kkonċernat u b'mod partikolari, l-istrateġija tal-prezz fis-suq tal-Komunità ma ġietx maqbula. L-utent konċernat ma ssottometta ebda evidenza biex jappoġġa l-istqarrija tiegħu li l-industrija tal-Komunità għandha tinżamm responsabbli għad-deċiżjonijiet tan-negozju tal-produttur esportatur relatat tagħha fir-RPĊ. Għalhekk, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, din it-talba ġiet rifjutata.

(88) Għandu jiġi nnutat ukoll li l-evidenza sottomessa fir-rigward tal-prezzijiet minn dan l-utent ma setgħetx tiġi verifikata, minħabba li ġiet sottomessa wara l-limitu ta' żmien preskritt u fi stadju tard tal-proċediment. F'kwalunkwe każ, l-offerti tal-prezzijiet murija kienu offerti qabel in-negozjar u ma kinux finali. Lanqas ma kienu relatati mal-PI. Aktar minn hekk, il-prezz tal-bejgħ li ġie verifikat ta' l-industrija tal-Komunità kien aktar baxx mil-livelli ta' l-offerti murija. Qed jiġi nnutat ukoll li fil-premessi (117) sa (119) tar-Regolament proviżorju, il-livelli medji ta' tnaqqis instabu li kienu sinifikanti. L-importazzjonijiet dumped ikkawżaw tnaqqis fil-prezzijiet fuq is-suq tal-Komunità u f'dawn iċ-ċirkostanzi il-"prezz tas-suq" huwa mibni f'kundizzjonijiet mhux ġusti u x'għandux neċessarjament jiġi użata bħala riferiment. F'kwalunkwe każ, dan huwa irrelevanti minħabba li d-dumping huwa definit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament bażiku, li ma jirreferix għal "prezz tas-suq" jew "raġonevoli".

(89) Rigward il-livelli tal-prezzijiet ta' dan il-produttur esportatur lil swieq terzi oħra l-evidenza sottomessa f'dan ir-rigward kienet aneddotali u ma setgħetx tiġi verifikata. B'żieda ma' dan, dawn il-prezzijiet ma kinux relatati mas-sitwazzjoni fis-suq tal-Komunità u għalhekk irrelevanti għall-analiżi tal-kawżalità. F'kwalunkwe każ, ebda evidenza jew informazzjoni ma kienet disponibbli rigward il-kundizzjonijiet differenti tas-suq f'dawn is-swieq. Ġie kkunsidrat li fuq il-bażi ta' l-evidenza sottomessa, wieħed ma seta' jasal għall-ebda konklużjoni dwar il-kumparabbiltà tal-prezzijiet imħallsa fis-swieq differenti. Bl-istess mod, il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni u l-issettjar tal-prezzijiet fir-RPĊ, fejn il-kumpanija kienet il-kumpanija relatata ta' produttur wieħed tal-Komunità, ma tistax tiġi kumparata ma' dik fis-suq tal-Komunità, li, madankollu, jista' jiġġustifika d-differenza fil-livelli tal-prezzijiet. Din l-argument kellu għalhekk jiġi rifjutat.

(90) B'kuntrast, wieħed mill-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika qal li l-industrija tal-Komunità kienet responsabbli għat-tnaqqis fil-prezzijiet fis-suq tal-Komunità minħabba li segwiet politika ta' tnaqqis fil-prezzijiet fir-rigward tal-kompetituri tagħha fis-suq tal-Komunità. Il-produttur esportatur appoġġa dan l-argument billi ssottometta għadd ta' eżempji fejn kellu jbaxxi l-prezz tiegħu sabiex ilaħħaq mal-livell ta' l-industrija tal-Komunità.

(91) L-evidenza sottomessa kienet kunsidrata anedottali u wieħed ma seta' jasal għall-ebda konklużjoni ġenerali. Kif juru l-premessi (85) sa (89) hawn fuq, eżempji oħra tas-sitwazzjoni opposta ġew provduti. Filwaqt li jidher li hemm grad għoli ta' kompetizzjoni fis-suq tal-Komunità, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli wieħed ma setax jikkonkludi li l-industrija tal-Komunità kienet qed tbaxxi l-prezzijiet fis-suq tal-Komunità u dan l-argument kellu jiġi rifjutat.

*Is-sitwazzjoni fis-suq dinji*

(92) Importatur wieħed qal li t-telf tal-bejgħ fl-industrija tal-Komunità huwa dovut għas-sitwazzjoni fus-suq dinji fejn il-klijenti internazzjonali ċċentralizzaw l-istrateġiji tax-xiri. Dan l-importatur madankollu, ma weriex kif din il-bidla fl-istrateġiji seta kellha impatt fuq il-konsum ta' l-industrija tal-Komunità u r-rabta każwali bejn l-importazzjonijiet dumped u d-dannu sofrut u dan l-argument kellu jiġi rifjutat.

*Żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni fl-industrija tal-Komunità*

(93) Produttur esportatur Ċiniż qal li suppost kellu jiġi kkunsidrat jekk iż-żieda fl-ispiża ta' l-industrija tal-Komunità setgħet ikkawżat id-dannu materjali li sofriet l-industrija tal-Komunità.

(94) L-iżvilupp ta' l-ispejjeż ta' l-unità matul il-perjodu kkunsidrat m'humiex elenkati fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku u għalhekk m'humiex sistematikament imsemmija meta tiġi evalwata s-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità. Madankollu bħala parti mill-analiżi tad-dannu materjali, il-prezzijiet tal-bejgħ u l-profittabbiltà ġew analizzati sistematika li jimplika li anke l-ispejjeż tal-produzzjoni ġew kunsidrati. F'kwalunkwe każ, kif stabbilit fil-premessa (125) tar-Regolament proviżorju, l-ispejjeż ta' l-unità ġew kunsidrati fit-determinazzjoni proviżorja.

(95) Għalhekk, il-premessa (125) tar-Regolament proviżorju tispjega li l-ispejjeż ta' l-unità ta' l-industrija tal-Komunità naqsu b'5 % minħabba tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni b'kapaċitajiet stabbli. Il-volum tal-produzzjoni naqas minħabba telf tal-volum tal-bejgħ u sehem mis-suq bħala konsegwenza tal-pressjoni tal-prezzijiet minn importazzjonijiet dumped. Ġie għalhekk konkluż li l-impatt fuq ż-żieda fl-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità fuq l-iżviluppi negattivi ta' l-industrija tal-Komunità kienu, jekk jeżistu, limitati.

*Konklużjoni dwar il-kawżalità*

(96) Bħala konklużjoni, qed jiġi kkonfermat li d-dannu materali ta' l-industrija tal-Komunità li huma msemmi fil-premessa (137) tar-Regolament proviżorji kkaratterizzat b'xejra ta' tnaqqis ta' l-indikaturi kollha tad-dannu, kien kawżat fl-importazzjonijiet dumped konċernati. Fil-fatt, l-effett ta' importazzjonijiet mhux dumped minn pajjiżi oħra terzi partikolarment, mit-Turkija, l-investimenti ta' l-industrija tal-Komunità kif ukoll attivitajiet oħra fir-RPĊ, l-ispiża ta' l-akkwist ta' kumpanija terza, iż-żieda fl-ispejjeż ta' l-unità, l-allegat nuqqas ta' effiċjenza u mġiba mhux kompetittiva ta' l-industrija tal-Komunità u s-sitwazzjoni tas-suq dinji, fuq l-iżviluppi negattivi ta' l-industrija tal-Komunità kienu, jekk jeżistu, limitati.

(97) Meta jitqies l-analiżi t'hawn fuq, li ddistingwa kif suppost u ssepara l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa dwar is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità mill-effetti ta' ħsara ta' l-importi li jifqgħu s-suq, huwa hawnhekk konfermat li dawn il-fatturi l-oħra ma jaqilbux il-fatt li l-ħsara stmata trid tiġi attribbwita lill-importi li jifqgħu s-suq.

(98) Minħabba dan t'hawn fuq, qed jiġi konkluż li l-importazzjonijiet dumped tal-persulphates mir-RPĊ, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u t-Tajwan ikkawżaw dannu materjali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

(99) Minħabba li m'hemm l-ebda kummenti oħra f'dan ir-rigward, il-premessi (140) sa (153) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## G. **L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ**

### 1. **L-interess ta' l-indsutrija tal-Komunità**

(100) Wieħed mill-utenti li ma meliex il-kwestjonarju imma sottometta kummenti wara l-iżvelar proviżorjum qal li l-industrija tal-Komunità qed tirkupra minn importazzjonijiet dumped u li l-prezzijiet tal-persulphates fil-Komunità żdiedu wara l-PI u qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji. Għalhekkm ma jkunx hemm bżonn ta' miżuri *anti-dumping* biex titjieb is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

(101) Dan l-utent ikkontesta wkoll il-konklużjonijiet fil-premessa (158) tar-Regolament proviżorju li l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping tippremetti lill-Industrija tal-Komunità biex, *inter alia*, terġa' tikseb sehem tas-sq y b'hekk tiġġenera ekonomiji ta' -iskala aħjar. Intqal li fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-ishma tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità, hija waħda mill-akbar atturi kemm barra kif ukoll ġewwa l-Komunità u għalhekk ma jkunx hemm aktar skop għal ekonomiji sostanzjali ta' l-iskala. L-istess utent iddubita l-intenzjoni ta' l-industrija tal-Komunità li tinvesti fil-faċilitajiet ta' produzzjoni fil-Komunità u argumenta li l-konklużjonijiet fil-premessa (158) tar-Regolament proviżorju f'dan ir-rigward huma spekulattivi.

(102) L-istess utent qal li d-dazji anti-dumping ma jkollhomx ir-riżultat li jerġgħu jġibu kompetizzjoni ġusta kif konkluż fil-premessa (158) tar-Regolament proviżorju. Minflok, il-miżuri kontra d-dumping jinfurzaw il-pożizzjoni dominanti ta' l-industrija tal-Komunità u għalhekk inaqqsu l-kompetizzjoni fis-suq tal-Komunità.

(103) Dwar l-argument li l-industrija tal-Komunità diġà qed tirkupra għandu jiġi nnutat li l-informazzjoni sottomessa mill-utent f'dan ir-rigward kienet aneddotali u relatata ma' avvenimenti wara l-PI. Din ma setgħetx tiġi verifikata minħabba li ġiet sottomessa fi stadju tard ħafna ta' l-investigazzjoni, i.e. wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji. L-evidenza sottomessa kienet għalhekk meqjusa mhix biżżejjed. Qed jiġi nnutat li l-movimenti fis-suq u b'mod partikolari ż-żidiet fil-prezz matil l-invetsigazzjoni kontra d-dumping m'humiex rari. Fil-fatt, kif imsemmi fil-premessa (126), iż-żidiet fil-prezzijiet fis-suq tal_komunità huma effett mistenni tad-dazju kontra d-dumping. Aktar minn hekk, l-allegata żieda fil-prezz seta' kellha wkoll raġunijiet oħra bħal żieda fl-ispiża. *Per se* din mhix ikkunsidrata bħala raġuni biex wieħed jirtira l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi, jekk il-kundizzjonijiet tar-Regolament bażiku jiġu sodisfatti. Dan l-argument għalhekk kellu jiġi rrifjutat.

(104) Rigward il-kapaċità ta' l-industrija tal-Komunità li twettaq ekonomiji ta' l-iskala, l-istess, l-evidenza sottomessa kienet kunsidrata mhux biżżejjed. Qed jiġi mfakkar li kien ġie stabbilit, fuq il-bażi tat-tagħrif verifikat sottomess mill-industrija tal-Komunità fit-tweġiba tagħhom għall-kwestjonarju, li l-volum ta' produzzjoni naqas b'kapaċità ta' produzzjoni stabbli u li, b'konsegwenza ta' dan, l-ispejjeż ta' l-unità żdiedu. Fid-dawl ta' dan, billi jiżdied il-volum ta' produzzjoni hemm lok għal ekonomiji ta' l-iskala, għall-anqas biex jintlaħaq il-livell ta' l-ispiża ta' l-unità qabel l-importazzjonijiet dumped. Is-sehem tas-suq ta' industrija tal-Komunità barra jew ġewwa l-Komunità kien ikkunsidrat irrelevanti f'dan il-kuntest.

(105) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-allegazzjonijiet li l-industrija tal-Komunità ma kinitx tinvesti fil-faċilitajiet ta' produzzjoni fil-Komunità, anke jekk titjieb is-sitwazzjoni finanzjarja, l-utent argumenta li wieħed jista' jasal għal din il-konklużjoni fuq il-bażi ta' l-imġiba ta' l-industrija tal-Komunità wara l-impożizzjoni tad-dazji definittivi anti-dumping fuq importazzjonijiet tal-peroxodisulphates li joriġinaw fir-RPĊ fl-1995 mir-Regolament imsemmi qabel (KE) Nru 2961/95 (ara premessa (10) hawn fuq). Għalhekk, dan l-utent allega, li l-industrija tal-Komunità ma investietx fil-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħha lanqas meta l-miżuri anti-dumping kienu fis-seħħ, inkella, l-industrija tal-Komunità ma kienet issofri ebda dannu matul il-PI.

(106) Rigward dan, qed jiġi nnutat li l-utent konċernat ma ssottometta ebda evidenza biex jappoġġa dawn l-allegazzjonijiet. B'mod partikolari, huwa ma seta jipprovdi ebda informazzjoni li tindika nuqqas ta' investimenti wara impożizzjoni ta' dazji definittivi kontra d-dumping fl-1995 jew li kien hemm rabta bejn dan l-allegat nuqqas ta' investiment u d-dannu sofrut matul il-PI ta' l-investigazzjoni kurrenti. Min-naħa l-oħra, kif issottolineat fir-Regolament proviżorju fil-premessa (140) sa (153) u kif konfermat hawn fuq fil-premessi (68) sa (99), id-dannu materjali sofrut mill-industrija tal-Komunità kien fil-fatt kawżat minn importazzjonijiet dumped mill-pajjiżi konċernati. B'mod partikolari minħabba l-konklużjonijiet t'hawn fuq fil-premessi (75) u (76), ma kienx mhux raġonevoli li wieħed jassumi li l-industrija tal-Komunità hija impenjata fis-suq tal-Komunità u li se tkompli l-attivitajiet ta' investiment tagħha jekk is-sitwazzjoni tippermettilha dan. Ebda wieħed minn dawn l-argumenti ma seta' jnaqqas mill-validità ta' dawn il-konklużjonijiet u għalhekk dawn l-argumenti kellhom jiġu rifjutati.

(107) Finalment, rigward is-sitwazzjoni kompetittiva fis-suq tal-Komunità, il-miżuri kontra d-dumping f'sitwazzjoni normali għandhom jerġgħu jġibu livell ġust bejn l-iskali ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità u l-importazzjonijiet minn pajjiżi konċernati minħabba li l-miżuri għandhom jikkompensaw għad-dumping. Rigward l-allegata pożizzjoni dominanti ta' l-industrija tal-Komunità u kif imsemmi hawn taħt fil-premessi (124) sa (130), ma kienx hemm indikazzjonijiet ta' ksur ta' l-Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE u ġie konkluż li l-kompetizzjoni fil-Komunità kienet ġusta. Għalhekk dan l-argument ma kienx aċċettat.

(108) Minħabba li ma kien hemm ebda kummenti f'dan il-qasam partikolari, is-sejbiet fil-premessi (157) sa (160) tar-Regolament proviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

## 2. L-interess ta' l-importaturi mhux relatati

(109) Wara l-iżvelar proviżorju, importatur li kkoopera qal li b'kuntrast ma' dak li ġie konkluż fil-premessa (163) tar-Regolament proviżorju, id-dazji kontra d-dumping ikollhom impatt sinifikanti fuq il-profitabbiltà ġenerali, li tista' twassal għall-għeluq tal-kumpanija.

(110) Madankollu, dan l-importatur ma ssottometta ebda evidenza li setgħet treġġa' lura l-konklużjonijiet proviżorji, li huma għalhekk konfermati.

(111) Minħabba li m'hemm l-ebda kummenti oħra f'dan ir-rigward, il-premessi (161) sa (164) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

## 3. L-interess ta' l-utenti

(112) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (6), wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji l-Kummissjoni stiednet lill-utent relatat ta' wieħed mill-produtturi esportaturi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika biex jimla l-kwestjonarju. Minkejja l-fatt li dan l-utent s'issa ma kooperax fl-investigazzjoni, dan kien ikkunsidrat adatt minħabba l-allegat impatt sostanzjali tad-dazju kontra d-dumping fuq il-profittabbiltà ta' dan l-utent. B'mod partikolari, intqal li l-impatt fuq il-profitabbiltà tad-dazju anti-dumping tkun sinifikanti.

(113) L-utent in kwestjoni xtara l-KMPS mill-fornitur relatat tiegħu fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u produċa diżinfettanti użati mill-bdiewa biex jipproteġu l-irziezet tagħhom mill-vajrusijiet, eż. għal każijiet ta' influwenza avjarja.

(114) Il-verifika ta' l-informazzjoni sottomessa mill-utent t'hawn fuq żvelat li l-kumpanija kisbet marġini ta' profitti għoljin fis-suq tal-Komunità. Għalkemm intqal li l-KMPS ikkostitwixxa parti sostanzjali ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' l-utenti, l-impatt massimmu fuq il-profitabbiltà tal-kumpanija kien insinjifikanti, i.e. 0,2 %. Minħabba l-marġini għoli ta' profitt miksub mill-kumpanija, ġie konkluż li ż-żieda minima setgħet tiġi assorbita faċilment. Minħabba n-nuqqas ta' kompetizzjoni sinifikanti fis-suq tal-Komunità għal dan il-prodott, qed jiġi kkunsidrat li ż-żieda fl-ispejjeż tista' faċilment tingħatta lill-klijenti ta' din il-kumpanija.

(115) Dan l-utent qal ukoll li għalkemm kiseb marġini ta' profitt għoljin fis-suq tal-Komunità, huwa jbigħ il-prodott ukoll permezz ta' swieq oħra ta' pajjiżi terzi. Għal għanijiet ta' kontabbiltà il-profitabbiltà għal dawn l-operazzjonijiet huma kkonsolidati billi jiġu eliminati l-prezzijiet ta' trasferiment u l-marġini ta' profitt ġenerali huma negattivi. Madankollu, fl-analiżi kurrenti huwa biss tagħrif f'relazzjoni mal-prodott konċernat u mas-suq tal-Komunità li jista' jiġi kunsidrat. L-informazzjoni fuq il-prezzijiet tal-bejgħ u l-ispejjeż għal swieq ta' pajjiżi terzi u dettalji tal-konsolidament għal għanijiet ta' kontabbiltà ma kinux disponibbli u ma setgħu jiġu verifikati. Dan l-argument għalhekk kellu jiġi rrifjutat.

(116) L-utent l-ieħor li kkoopera fil-Komunità qal li huwa wieħed mill-akbar utenti tal-persulpahte tat-tip APS fil-Komunità u qal li jirrappreżenta madwar 3,5 % tal-konsum totali tal-Komunità. Dan l-utent qal li kull żieda fl-ispejjeż, anke żgħira, jkollha impatt sinifikanti fuq il-qagħda finanzjarja ġenerali. Għalkemm l-utent għamel estimi li l-impatt tad-dazju kontra d-dumping ikun ta' 0,2 %, huwa qal li minħabba li juża kwantitajiet kbar tal-prodott konċernat, ikun aktar adatt li jiġi kkunsidrat l-ammont totali ta' dazji mħallsa fl-analiżi ta' l-interess tal-Komunità.

(117) Dan l-utent jipproduċi binders tal-latex, li jbigħ mill-ġdid lill-industrija tal-kisi tal-karti. Dawn jipproduċu wkoll prodotti għat-trattament ta' l-ilma. Huma qalu li ma jistgħux jgħaddu ż-żieda fl-ispejjeż lill-klijenti tagħhom minħabba li jridu jikkompetu ma' importazzjonijiet bi prezz baxx mill-Asja. Aktar minn hekk, huma qalu li l-industrija tal-karta qed taffaċċja diffikultajiet kbar u qed tiċkien, l-aktar minħabba, il-medja elettronika. Għalhekk, id-domanda għall-binders tal-latex qed tonqos ukoll. L-utent qal li l-marġini fil-profitt kien diġà baxx ħafna u kważi kemm jifdu.

(118) L-utent konċernat ma ssottometta ebda tweġiba għall-kwestjonarju imma provda xi informazzjoni fuq il-bejgħ u l-profittabbiltà. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, instab li l-impatt massimu tal-profittabbiltà ta' dan l-utent permezz tal-prodott konċernet tammonta biss għal 0,03 %. Ġie kkunsidrat li dan l-impatt minimu ma jkun ikkunsidrat sinifikanti u ma jkollu ebda rilokazzjoni jew telf ta' impjiegi sinifikanti f'din l-industrija kif allegat.

(119) Ebda parti mill-informazzjoni provduta minn dan l-utent fir-rigward ta' l-aspetti ta' l-interss tal-Komunità ma setgħet tiġi kkonfermata matul l-investigazzjoni. F'kull eventwalità, ġie kkunsidrat li bħala riżultat tad-dazji anti-dumping il-livelli tal-prezzijiet fil-Komunità fuq bażi ġenerali jiżdiedu. Madankollu, ma kien hemm ebda indikazzjoni u l-utent konċernat lanqas ma ssottometta xi evidenza li turi li l-importazzjonijiet tal-prodott minn pajjiżi terzi inaqqsu l-prezzijiet ta' l-utenti fil-Komunità. Dan l-argument għalhekk kellu jiġi rrifjutat.

(120) Aktar minn hekk, kif ammetta l-utent konċernat, l-industrija tal-karta affaċċat problemi mhux relatati mad-dazji kontra d-dumping u għalhekk mhux ċert jekk id-dazji kontra d-dumping ikollhomx impatt, minħabba l-parti negliġibbli li tirrappreżenta fl-ispiża ta' l-utent jew fatturi oħra, bħas-suq li qed jiċkien għall-karta. Għalhekk ġie kkunsidrat li l-impożizzjoni tad-dazi kontra d-dumping ma jkollhiex effetti negattivi sinifikanti fuq l-industrija.

(121) Għal dawn ir-raġunijiet, il-premessi (165) u (166) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

### 4. **Nuqqas ta' fornitura**

(122) L-utent l-ieħor fil-Komunità qal li l-industrija tal-Komunità ma tkun tista' tforni d-domanda tas-suq tal-Komunità minħabba nuqqas ta' kapaċitajiet suffiċjenti. Dan l-utent qal ukoll li s-sorsi l-oħra ta' forniment bħat-Turkija u l-Ġappun m'humiex alternattivi realistiċi minħabba li l-volum ta' produzzjoni f'dawn il-pajjiżi huwa baxx wisq meta mqabbel mal-RPĊ u fil-każ tal-Ġappun, kważi maħsub esklussivament għas-suq domestiku tal-Ġappun.

(123) L-utent t'hawn fuq ma appoġġax l-argument tiegħu bil-provi. Aktar minn hekk, fuq il-bażi tat-tagħrif verifikat, il-kapaċità ta' produzzjoni tal-Komunità instabet li kienet kważi ugwali għad-domanda tas-suq tal-Komunità. Għandu jiġi nnutat li d-dazji kontra d-dumping m'għandhomx l-għan li jwaqqfu l-importazzjonijiet fis-suq tal-Komunità imma li jistabbilixxu suq ġust. Dan l-argument għalhekk kellu jiġi rrifjutat.

### 5. **Il-pożizzjoni dominanti ta' l-industrija tal-Komunità**

(124) Iż-żewġ produtturi esportati mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u wieħed mill-utenti ippreżentaw it-tħassib tagħhom li l-impożizzjoni tad-dazji kontra d-dumping jirrinfurzaw il-pożizzjoni diġà dominanti ta' l-industrija tal-Komunità minħabba li tipproteġihom mill-kompetizzjoni.

(125) Dan l-argument argumenta li l-fatt li l-prezzijiet żdiedu wara l-impożizzjoni tar-Regolament proviżorju mill-fornituri mhux soġġetti għad-dazju kontra d-dumping juri l-effett ta' tfixkil tal-miżuri. Intqal li żieda simili fil-prezz kienet bażata biss fuq impożizzjoni tad-dazju kontra d-dumping u għalhekk mhux ġustifikata.

(126) F'dan il-kuntest qed jiġi kkunsidrat li l-effett mistenni tad-dazju kontra d-dumping huwa li jżid il-livelli fil-prezz fis-suq tal-Komunità u għalhekk li jikkumpensa għal-pressjoni li sofriet l-industrija tal-Komunità mill-importazzjonijiet dumped. Qed jiġi nnutat li importazzjonijiet mhux dumped qed jikkompetu ma' importazzjoni dumoed u dan jista' jaffettwa wkoll il-pressjoni fuq il-prezz. M'huwiex rari li produttur esportata b'marġini ta' dumping *de minimis* iżid il-prezzijiet tiegħu aktar wara impożizzjoni tad-dazju kontra d-dumping. Dan l-aġir ma jfissirx neċessarjament li hemm xi tfixkil fis-suq u l-argumenti f'dan ir-rigward ġew rifjutati.

(127) L-utent allega wkoll li kien hemm rabtiet mill-qrib bejn iż-żewġ produttur tal-Komunità. Fil-fatt, iż-żewġ produttur jagħmlu użu mill-istess siti ta' produzzjoni u produttur wieħed tal-Komunità iforni lill-ieħor bl-enerġija għall-proċess ta' produzzjoni tiegħu. Aktar minn hekk, ġie allegat minn għadd ta' partijiet interessati li ż-żewġ produtturi tal-Komunità kellhom storja ta' kontroll ta' prezzijiet fis-suq tal-Komunità permezz ta' prattiċi anti-kompetittivi.

(128) Madankollu, l-investigazzjoni ma kkonfermatx dawn l-allegazzjonijiet. Ma żvelat ebda evidenza li turi mġiba mhux kompetittiva ta' l-industrija tal-Komunità, i.e. abbuż ta' l-allegata pożizzjoni dominanti. Rigward l-allegati rabtiet taż-żewġ produtturi tal-Komunità, l-investigazzjoni wriet li d-deċiżjonijiet tan-negozju jittieħdu b'mod indipendenti minn xulxin u l-immaniġġjar huwa separat. Ġie kkunsidrat li l-industrija tal-Komunità ma gawdietx minn livelli għoljin b'mod abnormali fil-profitti, imma b'kuntrast sofriet minn profitabbiltà li kienet dejjem qed tmur għall-agħar. Qed jiġi nnutat li kif muri fil-premessi (85) sa (91), għadd ta' fornituri tal-persulphate ikkompetew fis-suq tal-Komunità u n-negozjati fil-prezzijiet mal-klijenti kienu għaddejjin il-ħin kollu.

(129) Aktar minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (107) il-miżuri kontra d-dumping għandhom jerġgħu joħolqu livell ugwali bejn il-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità u l-importazzjonijiet li jidħlu fis-suq tal-Komunità. Fil-fatt, l-iskop tad-dazji huwa sempliċiment li jgħollu l-prezzijiet ta' l-importazzjoni f'livell li jippermetti lill-industrija tal-Komunità li tikseb profitt normali. Qed jiġi nnutat ukoll li minkejja sorsi oħra possibbli ta' forniment bħat-Turkija, l-Ġappun u l-Indja, hemm ukoll produttur esportatur wieħed fir-RPĊ li għalih id-dumping instab li kien *de minimis* u dawn l-importazzjonijiet għalhekk se jidħlu fis-suq tal-Komunità mingħajr ħlas tad-dazju kontra d-dumping.

(130) Minħabba dan t'hawn fuq, l-istqarrijiet tal-partijiet interessati f'dan ir-rigward kellhom jiġu rifjutati.

### 6. **Rilokazzjoni ta' l-industrija fi grad aktar 'l isfel**

(131) Produttur wieħed fl-Istati Uniti u żewġ utenti li kkooperaw allegaw li l-impożizzjoni tad-dazju kontra d-dumping jaċċelera l-proċess ta' rilokazzjoni ta' l-industrija fi grad aktar 'l isfel.

(132) Rigward l-esportatur mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, huma allegaw li t-tip tal-prodott tal-KMPS ikkostitwixxa sehem kbir mill-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industrija fi grad aktar 'l isfel u għalhekk id-dazju kontra d-dumping ikollu impatt sinifikanti fuq il-profittabbiltà ta' dawn l-industriji.

(133) Wieħed minn dawn l-utenti allega li n-numru ta' impjegati fl-industrija fi grad aktar 'l isfel huwa sostanzjalment ogħla min-numru ta' impjegati fl-industrija tal-Komunità tal-persukphates, i.e. numru ferm ogħla ta' impjiegi kien involut.

(134) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessi (112) sa (121), l-impatt tal-miżuri kontra d-dumping fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' l-idustrija fi grad aktar 'l isfel instab li kien negliġibbli. Dan jgħodd għat-tipi kollha tal-prodott, inkluż il-KMPS. Fuq din il-bażi, ma setax jiġi konkluż li d-dazji kontra d-dumping setgħu bdew il-produzzjoni barra l-Komunità ta' l-industrija fi grad aktar 'l isfel għal pajjiżi terzi. Qed jiġi nnutat ukoll li n-numru ta' impjegati fl-industrija fi grad aktar 'l isfel m'huwiex direttament kumparabbli man-numru ta' impjegati fl-industrija tal-Komunità tal-persulphates. Per eżempju, l-utent konċernat ma ssottometta ebda indikazzjoni jew evidenza ta' kemm impjiegi fl-idustrija fi grad aktar 'l isfel kienu direttament marbuta mal-produzzjoni konċernata u għalhekk potenzjalment affettwati bl-impożizzjoni tad-dazi kontra d-dumping.

(135) Minħabba l-kunsiderazzjonijiet t'hawn fuq, dawn l-istqarrijiet kellhom jiġu rifjutati.

### 7. **Dazji kontra d-dumping imposti fl-1995**

(136) Wieħed mill-utenti qal li d-dannu materjali sofrut mill-industrija tal-Komunità matul il-PI kurrenti wera li l-miżuri kontra d-dumping fuq il-peroxodisulphates fl-1995 ma kinux effettivi. Għalhekk m'huwiex fl-interess tal-Komunità li timponi miżuri ġodda kontra d-dumping fuq prodott bi skop simili li x'aktarx jerġa' ma jkunx effettiv. B'mod partikolari m'huwiex fl-interess tal-Komunità li timponi miżuri li ma jkunux ta' benefiċċji għall-industrija tal-Komunità imma jkunu ta' ħsara għall-industrija fi grad aktar 'l isfel.

(137) Għandu l-ewwel jiġi nnutat li l-miżuri definittivi kontra d-dumping li saret referenza għalihom spiċċaw fl-2002 ([1]) minħabba l-irtirar tat-talba ta' reviżjoni għal skadenza mill-industrija tal-Komunità skond l-Artikol 11(2) tar-Regolament bażiku. Instab li t-tkomplija ta' l-investigazzjoni ma kinitx fl-interess tal-Komunità. Minħabba li l-industrija tal-Komunità ma kinitx interessata fit-tkomplija ta' l-investigazzjoni, wieħed jista' jassumi b'mod raġonevoli li ma kinitx f'sitwazzjoni ta' dannu u l-miżuri fil-fatt kienu effettivi.

(138) It-tieni, instab matul l-investigazzjoni preżenti li d-dannu materjali sofrut mill-industrija tal-Komunità kien ikkawżat minn importazzjonijiet dumped wara t-twaqqif tal-proċediment imsemmi hawn fuq. Ġie għalhekk konkluż li l-assunzjonijiet magħmula mill-utenti fir-rigward ta' l-effettività tal-miżuri kontra d-dumping kienu ħżiena u kellhom jiġu rifjutati.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 695/2002 tat-22 ta' April 2002 li jtemm il-proċediment kontra d-dumping rigward importazzjonijiet tal-peroxosulphates li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, (ĠU L 109, 25.4.2002, p. 1).

(139) Aktar minn hekk, kif konkluż fil-premessi (157) sa (160) fir-Regolament proviżorju u kif konfermat bl-investigazzjoni preżenti, l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi kontra d-dumping kien fl-interess ta' l-industrija tal-Komunità u li hija mistennija tibbenefika minnhom u ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Min-naħa l-oħra, kif konkluż hawn fuq, l-impatt tal-miżuri kontra d-dumping fuq utenti u importaturi huwa mistenni li jkun negliġibbli.

(140) Għalhekk dawn l-argumenti kellhom jiġu rifjutati.

8. **Il-katina tal-forniment tal-prodott fi grad aktar 'l isfel**

(141) Wieħed mill-produtturi esportaturi ta' l-Istati Uniti qal li minħabba li l-produttur relatat fil-Komunità x'aktarx li jwaqqaf il-produzzjoni tiegħu fil-Komunità, il-forniment tad-diżinfettant użat f'każijiet ta' l-influwenza avjarja ma jistax jiġi aktar garantit. Minħabba li dan il-prodott ikollu jibda jsir barra l-Komunità, dan itawwal il-katina tal-forniment u jnaqqas il-kapaċità tal-Komunità li tirrispondi fil-każ ta' tifqigħa tal-marda.

(142) Rigward dan, qed issir referenza għas-sejbiet hawn fuq tal-premessa (112) sa (120), li juru li l-impatt finanzjarju tad-dazji kontra d-dumping huma stmati li huma baxxi ħafna u għalhekk, l-industrija mhix mistennija li tmexxija s-siti tal-produzzjoni minħabba d-dazju kontra d-dumping, imma minħabba riżultati ta' negozju negattivi.

(143) Instab ukoll li d-diżinfettant magħmul minn din il-kumpanija ma kienx l-unika wieħed użat għal skopijiet ta' diżinfettar u għalhekk, anke fil-każ li l-kumpanija ttemm il-produzzjoni fil-Komunità, prodotti oħra ikunu disponibbli faċilment.

(144) L-argument f'dan ir-rigward kellu għalhekk jiġi rifjutat.

9. **Konklużjoni fuq l-interess Komunitarju**

(145) Meta wieħed jikkunsidra dan t'hawn fuq, il-konklużjonijiet fil-premessa (167) tar-Regolament proviżorju hija hawnhekk ikkonfermata, i.e. li m'hemmx raġunijiet li juru li l-impożizzjoni tal-miżuri kontra d-dumping imorru kontra l-interess tal-Komuntà.

H. **MIŻURI DEFINITTIVI KONTRA D-DUMPING**

1. **Il-livell ta' l-eliminazzjoni tal-ħsara**

(146) Għadd ta' partijiet interessati kkuntestaw is-sejbiet proviżorju li 12 % tal-marġini tal-profitt ikun marġini ta' profitt qabel it-taxxa li seta' jinkiseb b'mod raġonevoli mill-industrija ta' dan it-tip fis-settur taħt ċirkostanzi normali ta' kompetizzjoni.

(147) Wieħed mill-produtturi esportaturi ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika qal li l-persulphate huwa komodità kimika li l-Istituzzjonijiet tal-Komunità għandhom prattika stabbilita li jikkunsidraw 5-8 % bħala adatt biex jiddeterminaw il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu. Dan il-produttur esportatur qal ukoll li fl-investigazzjoni oriġinali rigward prodott simili, il-marġini ta' profitt kunsidrat kien 5 % li għandu jiġi użat ukoll fl-investigazzjoni preżenti għal raġunijiet ta' konsistenza.

(148) L-istess produttur esportatur allega li l-marġini ta' profitt ta' 12 % ma nkisibx taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni u kien għalhekk eċċessiv. Konsegwentement m'għandux jiġi kkunsidrat. Il-produttur esportatur appoġġa dan l-argument billi pprovda figura ta' profittabbiltà disponibbli pubblikament ta' wieħed mill-produtturi tal-Komunità, li ammontaw għal 5,1 %.

(149) Intqal li għandu jiġi kkunsidrat il-marġini ta' profitt meħtieġ biex tiġi żgurata l-vijabbiltà ta' l-industrija tal-Komunità jew il-marġini ta' profitt li jikkorrispondi ma' ritorn raġonevoli fuq il-kapital.

(150) L-ewwel nett qed jiġi nnutat li l-kriterji msemmija hawn fuq fil-premessa (149) huma irrelevanti għad-determinazzjoni ta' l-eliminazzjoni tal-livell ta' dannu. Fil-fatt, l-Istituzzjonijiet tal-Komunità jridu jibbażaw id-determinazzjoni tagħhom fuq evalwazzjoni li l-livell ta' marġini li l-industrija tal-Komunità tista' tikseb b'mod raġonevoli fin-nuqqas ta' importazzjonijiet dumped, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Komunità. F'dan ir-rigward, ġeneralment huwa kkunsidrat li l-marġini ta' profitt fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat huwa l-marġini ta' profitt miksub fin-nuqqas ta' importazzjonijiet dumped. Qed jiġi nnutat li m'hemmx prattika, kif qal wieħed mill-produtturi esportaturi ta' l-US, li l-Istituzzjonijiet tal-Komunità jużaw l-istess livell ta' profittabbiltà għal industriji simili. Il-margini ta' profitt sabiex jiġi determinat il-livell tal-prezz li ma jikkawżax dannu lill-industrija tal-Komunità huwa bbażat fuq tagħrif miġbur u vverifikat matul kull investigazzjoni u huwa għalhekk speċifiku għall-każ.

(151) Għal dawn ir-raġunijiet, qed jiġi rrifjutat li jintużaw l-marġini ta' profitt ta' wieħed mill-produtturi tal-Komunità minħabba li mhux relatat mal-prodott konċernat jew mas-suq tal-Komunità, jew ma' l-industrija tal-Komunità.

(152) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-investigazzjoni kontra d-dumping preċedenti rigward prodott simili li qed isir riferenza għaliha, qed jiġi nnutat li t-tip ta' prodott tal-KMPS ma kienx inkluż f'dik l-investigazzjoni, li seta' kellu impatt fuq il-profittabbiltà ġenerali ta' l-industrija tal-Komunità.

(153) Finalment, rigward l-imġiba mhux kompetittiva ta' l-industrija tal-Komunità, qed jiġi nnutat li kif deskritt fil-premessi (124) sa (130) hawn fuq, dawn l-allegazzjonijiet ma kinux konfermati fl-investigazzjoni kurrenti u l-istqarrijiet f'dan ir-rigward kellhom jiġu rifjutati.

(154) Qed jiġi għalhekk konkluż li l-profittabbiltà ta' 12 % kienet adatta u ġiet użata fis-sejbiet definittivi. Fin-nuqqas ta' xi kummenti oħra dwar il-livell tat-tneħħija tal-ħsara, il-premessi (168) sa (171) tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. **Forom u livelli tad-dazji**

(155) Fid-dawl ta' dak li ntqal u skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, id-dazju anti-dumping definittiv għandu jiġi impost fuq livell biżżejjed biex titneħħa l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet mingħajr ma jinqabeż il-marġinu ta' dumping misjub.

(156) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, id-dazji definittivi huma li ġejjin:

| Il-pajjiż | Il-kumpanija | Dazju anti-dumping |
|---|---|---|
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | E.I. DuPont De Nemours | 10,6 % |
| | FMC Corporation | 39,0 % |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 39,0 % |
| Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina | ABC Chemicals (Shanghai) Co., Ltd | 0 % |
| | Degussa-AJ (Shanghai) Initiators Co., Ltd | 24,5 % |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 71,8 % |
| It-Tajwan | San Yuan Chemical Co., Ltd | 22,6 % |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 22,6 % |

(157) Ir-rati tad-dazju ta' l-antidumping ta' kumpanija individwali li ġew speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-investigazzjoni attwali. Għalhekk, dawn jirriflettu l-qagħda ta' dawn il-kumpaniji li nstabet matul din l-investigazzjoni. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju madwar il-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha") huma għalhekk applikabbli esklussivament għal importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturati mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati mmanifatturati minn xi kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(158) Kull talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju anti-dumping għal kumpaniji individwali (eż. wara tibdil fl-isem ta' l-entità jew wara li jiġu stabbiliti entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni [1] bit-tagħrif kollu rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe modifikazzjoni fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u ma' dak ta' l-esportazzjoni u li jkunu assoċjati, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew ma' dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament ikun imbagħad amendat kif suppost billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpanniji li jgawdu minn rati ta' dazju individwali.

(159) Sabiex ikun assigurat li jkun infurzat sew id-dazju kontra l-iddampjar, il-livell ta' dazju li jifdal m'għandux japplika biss għall-produtturi esportaturi li ma jikkooperawx, iżda anki għal dawk il-produtturi li ma kellhom l-ebda esportazzjoni lejn il-Komunità matul il-PI. Madankollu, dawn il-kumpaniji ta' l-aħħar huma mistiedna, meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, li jippreżentaw talba għal reviżjoni skond dak l-Artikolu sabiex is-sitwazzjoni tagħhom tiġi eżaminata.

3. **Il-ġbir definittiv tad-dazji proviżorji u s-superviżjoni speċjali**

(160) Minħabba l-kobor tal-marġini ta' dumping li nstabu u fid-dawl tal-livell ta' ħsara ikkaġunat lill-industrija tal-Komunità, huwa meqjus neċessarju li l-ammonti li ġew żgurati permezz tad-dazju anti-dumping proviżorju, impost mir-Regolament proviżorju, i.e. ir-Regolament (KE) Nru 390/2007, għandhom jinġabru b'mod definittiv sa l-ammont tad-dazji definittivi imposti. Fejn id-dazji definittivi jkunu aktar baxxi mid-dazji proviżorji, l-ammonti żgurati b'mod proviżorju b'żieda mar-rata definittiva tad-dazji anti-dumping għandhom jinħelsu. Fejn id-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji proviżorji, għandhom jinġabru b'mod definittiv biss l-ammonti żgurati fil-livell tad-dazji proviżorji.

(161) Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' elużjoni minħabba d-differenza għolja fir-rati tad-dazju, huwa meqjus li jinħtieġu miżuri speċjali f'dan il-każ sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping Dawn il-miżuri speċjali, li japplikaw biss għal kumpaniji li għalihom iddaħħlet rata tad-dazju individwali, jinkludu l-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li trid tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati b'fattura tali għandhom jiġu soġġetti għad-dazju residwu ta' l-anti-dumping li japplika għall-esportaturi l-oħra kollha.

[1] European Commission, Directorate-General for Trade, Direction H, Office J-79 4/23, 1049 Brussels, Belgium.

(162) Ta' min ifakkar li jekk l-esportazzjonijiet mill-kumpaniji li jgawdu minn rati aktar baxxi ta' dazju individwali jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping, fit-tifsira ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku din iż-żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li tikkostitwixxi fiha nnfisha bidla fil-mudell tan-negozju li tkun dovuta għall-impożizzjoni tal-miżuri. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet, tista' tingħata bidu għal investigazzjoni ta' kontra l-elużjoni. Din l-investigazzjoni tista', *inter alia*, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rati tad-dazju individwali u għall-impożizzjoni konsegwenti tad-dazju madwar il-pajjiż kollu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju definittiv kontra d-dumping huwa permezz ta' dan impost fuq l-importazzjonijiet tal-peroxosulphates (persulphates), inkluż il-potassium peroxymonosulphate sulphate, li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 2833 40 00 u ex 2842 90 80 (il-kodiċi TARIC 2842 90 80 20) u li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv li hi applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, tal-prodotti mmanifatturati mill-kumpaniji mniżżla hawn taħt għandha tkun kif ġej:

| Il-pajjiż | Kumpanija | Id-Dazju Anti-dumping | Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC |
|---|---|---|---|
| L-Istati Uniti ta' l-Amerika | E.I. DuPont De Nemours, Wilmington, Delaware | 10,6 % | A818 |
| | FMC Corporation, Tonawanda, New York | 39,0 % | A819 |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 39,0 % | A999 |
| Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina | ABC Chemicals (Shanghai) Co., Ltd, Shanghai | 0 % | A820 |
| | Degussa-AJ (Shanghai) Initiators Co., Ltd, Shanghai | 24,5 % | A821 |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 71,8 % | A999 |
| It-Tajwan | San Yuan Chemical Co., Ltd, Chiayi | 22,6 % | A823 |
| | Il-kumpaniji l-oħra kollha | 22,6 % | A999 |

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha sseħħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri fattura kummerċjali valida, li trid tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness. Jekk ma tiġix ippreżentata din il-fattura, għandha tapplika r-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji tad-dwana li huma fis-seħħ.

*Artikolu 2*

L-ammonti żgurati permezz tad-dazji kontra d-dumping proviżorji skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 390/2007 fuq importazzjonijiet tal-peroxosulphates (persulphates), inkluż il-potassium peroxymonosulphate sulphate, li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 2833 40 00 u ex 2842 90 80 (il-kodiċi TARIC 2842 90 80 20) u li joriġinaw mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u t-Tajwan. L-ammonti żgurati b'żieda ma' l-ammont tad-dazji anti-dumping definittivi għandhom jinħelsu. Fejn id-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji proviżorji, għandhom jinġabru b'mod definittiv biss l-ammonti żgurati fil-livell tad-dazji proviżorji.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 9 ta' Ottubru 2007,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. TEIXEIRA DOS SANTOS

---

*ANNESS*

Il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata minn uffiċjal tal-kumpanija, fil-format li ġej:

1. L-isem u l-kariga ta' l-uffiċjal tal-kumpanija li tkun ħarġet il-fattura kummerċjali.

2. Id-dikjarazzjoni li ġejja "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li [il-volum] ta' peroxsulphates li nbiegħu għall-esportazzjoni lill-Komunità Ewropea u li huma koperti b'din il-fattura ġew immanifatturati minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (il-kodiċi addizzjonali TARIC) fi (il-pajjiż ikkonċernat). Niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett."

*Data u firma*

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1185/2007**

**ta' l-10 ta' Ottubru 2007**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-11 ta' Ottubru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

*ANNESS*

**tar-Regolament tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 79,0 |
| | MK | 32,3 |
| | TR | 59,9 |
| | ZZ | 57,1 |
| 0707 00 05 | JO | 162,5 |
| | TR | 147,8 |
| | ZZ | 155,2 |
| 0709 90 70 | TR | 115,6 |
| | ZZ | 115,6 |
| 0805 50 10 | AR | 75,6 |
| | TR | 90,1 |
| | UY | 81,7 |
| | ZA | 56,3 |
| | ZW | 52,6 |
| | ZZ | 71,3 |
| 0806 10 10 | BR | 280,7 |
| | IL | 284,6 |
| | MK | 44,5 |
| | TR | 103,3 |
| | US | 284,6 |
| | ZZ | 199,5 |
| 0808 10 80 | AR | 90,2 |
| | AU | 166,7 |
| | CL | 107,9 |
| | MK | 13,8 |
| | NZ | 75,1 |
| | US | 97,5 |
| | ZA | 87,1 |
| | ZZ | 91,2 |
| 0808 20 50 | CN | 53,3 |
| | TR | 123,9 |
| | ZA | 65,4 |
| | ZZ | 80,9 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1186/2007

## ta' l-10 ta' Ottubru 2007

## li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi taxxa fis-settur tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib fir-rigward tad-distinzjoni bejn bejgħ dirett u konsenji għar-Rumanija u l-Bulgarija

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi taxxa fis-settur tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib ([1]), u b'mod partikolari s-sitt subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, ir-Rumanija u l-Bulgarija bagħtu lill-Kummissjoni ċ-ċifri dwar konsenji u bejgħ dirett għall-2006.

(2) Skond dawk iċ-ċifri u wara l-eżami li sar mill-Kummissjoni, huwa xieraq li d-distinzjoni bejn konsenji u bejgħ dirett tkun aġġustata kif stipulat fil-punt (f) tat-tabella ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1788/2003 għar-Rumanija u l-Bulgarija.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1788/2003 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(4) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-punt (f) ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1788/2003, it-tabella hija emendata kif ġej:

(1) ir-ringiela għall-Bulgarija għandha tinbidel b'dan li ġej:

| | Kwantitajiet ta' referenza għall-konsenji, tunnellati | Kwantitajiet ta' referenza għall-bejgħ dirett, tunnellati |
|---|---|---|
| "Il-Bulgarija | 889 000 | 90 000" |

(2) ir-ringiela għar-Rumanija għandha tinbidel b'dan li ġej:

| | Kwantitajiet ta' referenza għall-konsenji, tunnellati | Kwantitajiet ta' referenza għall-bejgħ dirett, tunnellati |
|---|---|---|
| "Ir-Rumanija | 1 251 000 | 1 806 000" |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 123. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 336/2007 (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 43).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1187/2007

## ta' l-10 ta' Ottubru 2007

## li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji li l-applikazzjoni tagħhom tressqet bejn l-1 u l-5 ta' Ottubru 2007 sabiex jiġu impurtati prodotti taz-zokkor skond il-kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għas-snin ta' negozju 2006/07, 2007/08 u 2008/09 sabiex jiġu importati u raffinati prodotti taz-zokkor skond ċerti kwoti tat-tariffi u ftehimiet preferenzjali [2], u partikolarment Artikolu 5 (3) tiegħu,

Billi:

(1) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-importazzjoni ġew sottomessi lill-awtorità kompetenti fil-perjodu ta' bejn l-1 u l-5 ta' Ottubru 2007 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew ir-Regolament (KE) Nru 1832/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali fis-settur taz-zokkor b'riżultat ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija [3] għall-kwantità totali bħall-kwantità disponibbli għan-numri tas-serje 09.4317, 09.4318, 09.4319, 09.4320 u 09.4325 (2007-2008).

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni sabiex jinħarġu liċenzji skond il-proporzjon tal-kwantità disponibbli u tinforma lill-Istati Membri li l-limitu li kien ġie ffissat intlaħaq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-liċenzji għandhom jiġu maħruġa fil-limiti kwantitattivi li ġew stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament fir-rigward ta' l-applikazzjonjiet tal-liċenzji ta' l-importazzjoni mressqa bejn l-1 u l-5 ta' Ottubru 2007, f'konformità ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 jew l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.

[2] ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2006/2006 (ĠU L 379, 28.12.2006, p. 95).

[3] ĠU L 354, 14.12.2006, p. 8.

*ANNESS*

**Zokkor Preferenzali; l-AKP u l-Indja**

**Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 1.10.2007-5.10.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | 100 | |
| 09.4332 | Il-Beliże | 100 | |
| 09.4333 | Il-Kosta ta' l-Ivorju | 100 | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | 100 | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 100 | |
| 09.4336 | Gujana | 100 | |
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | 100 | |
| 09.4339 | Il-Kenja | 100 | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | 100 | |
| 09.4341 | Il-Malawi | 100 | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | 100 | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 0 | Intlaħqu |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Suriname | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 100 | |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | 100 | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | 100 | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | 100 | |

**Zokkor kumplimentari**

**Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 1.10.2007-5.10.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4315 | L-Indja | — | |
| 09.4316 | Il-pajjiżi firmatarji tal-Protokol ta' l-AKP | — | |

**Il-konċessjonijiet taz-zokkor għal CXL**

**Titolu VI tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 1.10.2007-5.10.2007 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4317 | L-Awstralja | 23,3292 | Intlaħqu |
| 09.4318 | Il-Brażil | 18,9166 | Intlaħqu |
| 09.4319 | Kuba | 23,3299 | Intlaħqu |
| 09.4320 | Pajjiżi terzi oħra | 18,9168 | Intlaħqu |

**Iz-zokkor tal-Balkani**

**It-Titolu VII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Pajjiż | Ġimgħa ta' bejn 1.10.2007-5.10.2007 % tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4324 | L-Albanija | 100 | |
| 09.4325 | Il-Bożnja-Ħerżegovina | 100 | Intlaħqu |
| 09.4326 | Is-Serbja, il-Montenegro u l-Kosovo | 100 | |
| 09.4327 | L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja | 100 | |
| 09.4328 | Il-Kroazja | 100 | |

**L-importazzjoni taz-zokkor f'każ eċċezzjonali u l-importazzjoni taz-zokkor industrijali**

**It-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| In-nru tas-Serje | Tip | Ġimgħa ta' bejn 1.10.2007-5.10.2007 tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4380 | F'każ eċċezzjonali | — | |
| 09.4390 | Industrijali | — | |

**L-importazzjoni taz-zokkor taħt il-kwoti tranżizzjonali tat-tariffi miftuħin għall-Bulgarija u r-Rumanija**

**Kapitolu 1 Sezzjoni 2 tar-Regolament (KE) Nru 1832/2006**

**Is-sena tas-suq 2007/08**

| Ordni Nru | Tip | Ġimgħa ta’ bejn 1.10.2007-5.10.2007<br>% tal-kwantità mitluba sabiex tingħata | Limiti |
|---|---|---|---|
| 09.4365 | Il-Bulgarija | 100 | |
| 09.4366 | Ir-Rumanija | 100 | |